C/2024/5997

9.10.2024

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Linji gwida interpretattivi dwar l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli (ReFuelEU Aviation)

(C/2024/5997)

WERREJ

Paġna

1. Introduzzjoni 3

2. Kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-RFEUA: obbligu ta' riforniment għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru 4

2.1. Min huwa soġġett għall-obbligu tal-Artikolu 5(1) tal-RFEUA u liema huma t-titjiriet fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu? 4

2.2. X'jinvolvi l-obbligu legali fl-Artikolu 5(1) tal-RFEUA? 5

2.3. Meta u fejn għandu jagħmel riforniment l-operatur tal-inġenji tal-ajru? 6

2.4. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru ta' pajjiżi terzi huma obbligati jagħmlu riforniment skont l-Artikolu 5(1) tal-RFEUA? 6

2.5. X'inhu r-rwol tal-korp ta' amministrazzjoni tal-ajruporti tal-Unjoni? 7

3. Eżenzjonijiet mill-obbligu tar-riforniment 7

4. L-Artikolu 5(2) tal-RFEUA: Nuqqas ta' ssodisfar tar-rekwiżit ta' ppumpjar ta' 90 % tal-fjuwil fl-ajruport tat-tluq tal-Unjoni għal raġunijiet ta' sikurezza 7

4.1. Nuqqas ta' ssodisfar ta l-obbligu tal-ippumpjar tal-fjuwil. Implikazzjonijiet fuq ir-rapportar annwali skont l-Artikolu 8 tal-RFEUA[0] 8

4.2. Eżempji ta' avvenimenti li jeħtieġu l-ippumpjar tal-fjuwil tal-avjazzjoni għall-konformità mar-regoli dwar is-sikurezza tal-fjuwil u ta' dokumenti ta' sostenn (ġustifikazzjonijiet) 9

4.3. L-operatur tal-inġenji tal-ajru għal kemm żmien għandu jżomm id-dokumenti ta' ġustifikazzjoni? 11

4.4. Kunsiderazzjonijiet dwar l-għażla ta' ajruport alternattiv u fjuwil diskrezzjonali 11

5. L-Artikolu 5(3) tal-RFEUA: eżenzjonijiet temporanji għall-obbligu ta' riforniment 12

5.1. L-ewwel kundizzjoni: rekwiżit tad-distanza 12

5.2. It-tieni kundizzjoni: ir-rekwiżiti fl-Artikolu 5(3)(a) u (b) 13

5.2.1. L-Artikolu 5(3)(a) tal-RFEUA — diffikultajiet operazzjonali serji u rikorrenti u ħinijiet tat-turnaround mhux raġonevoli 13

5.2.2. L-Artikolu 5(3), (b) — Diffikultajiet strutturali fil-provvista tal-fjuwil li jirriżultaw minn karatteristiċi ġeografiċi 15

6. L-awtorità kompetenti għall-finijiet tal-Artikolu 5 tal-RFEUA 18

6.1. Ir-rwol tal-awtoritajiet għall-finijiet tal-Artikolu 5(2) u (3) tal-RFEUA 18

6.2. Min hija l-awtorità kompetenti għall-infurzar tal-obbligu ta' riforniment u għall-impożizzjoni ta' multi? ...18

7. Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet 20

8. Dwar il-proċess biex tintalab eżenzjoni skont l-Artikolu 5(3)(a) jew (b) tal-RFEUA u r-rwol tal-Kummissjoni 21

8.1. Tul ta' żmien u tiġdid tal-eżenzjoni 21

8.2. Meta għandha tiġi ppreżentata t-talba lill-awtorità kompetenti? 21

8.3. L-awtorità kompetenti tista' titlob informazzjoni addizzjonali 21

8.4. Id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti (l-Artikolu 5(6) tal-RFEUA) 21

8.5. Meta tibda tapplika d-deċiżjoni nazzjonali? 22

8.6. Ir-rwol tal-Kummissjoni 22
8.6.1. Pubblikazzjoni tal-lista ta' eżenzjonijiet 22
8.6.2. Dwar ilmenti li jikkonċernaw eżenzjonijiet mogħtija 22

1. **INTRODUZZJONI**

Ir-Regolament (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli (ir-"Regolament" jew "RFEUA") ([1]) għandu l-għan li jiżgura li t-trasport bl-ajru tal-Unjoni Ewropea (UE) jissodisfa l-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 u l-2050 u jaqdi rwol ewlieni fit-twettiq tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima ([2]), filwaqt li jippreserva kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern. Ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-provvista u l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF, sustainable aviation fuels) fl-Unjoni. Il-forniturі tal-fjuwil tal-avjazzjoni jridu jfornu lis-suq tal-avjazzjoni b'ishma minimi dejjem akbar ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli u fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi. Il-korpi ta' amministrazzjoni tal-ajruporti għandhom l-obbligu li jiffaċilitaw l-aċċess għall-SAF. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jitilqu minn ajruporti tal-Unjoni jeħtiġilhom jagħmlu riforniment tal-fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġ għat-titjira kollha tagħhom, filwaqt li jevitaw l-emissjonijiet eċċessivi relatati mal-piż żejjed u jimminimizzaw ir-riskji ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju kkawżati minn prattiki ta' tankering tal-fjuwil ([3]).

Ir-Regolament jistabbilixxi obbligi ta' rapportar u ta' ġbir ta' *data* għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru u għall-forniturі tal-fjuwil, li jridu jiġu rrapportati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ("EASA"). Huwa jipprovdi wkoll ir-regoli dwar il-ħatra tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, li se jimplimentaw u jinfurzaw ir-Regolament u rekwiżit li jipprevedu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi f'każ ta' nuqqas ta' konformità.

Kif spjegat fil-premessi 5 u 28 tar-Regolament, il-prattiki tat-tankering tal-fjuwil mhumiex sostenibbli u għandhom jiġu evitati peress li jipperikolaw l-isforzi tal-Unjoni biex tnaqqas l-impatt ambjentali mit-trasport. Dawk il-prattiki jmorru kontra l-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-avjazzjoni peress li ż-żieda fil-piż tal-inġenji tal-ajru żżid il-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet relatati (kemm tas-CO_2 kif ukoll mhux tas-CO_2) fuq titjira partikolari. Għalhekk, l-Artikolu 5 tal-RFEUA jistabbilixxi obbligu ta' riforniment għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru qabel it-tluq f'ajruport tal-Unjoni partikolari.

Il-prattiki tat-tankering tal-fjuwil jistgħu jpoġġu l-kundizzjonijiet ekwi f'riskju. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 5 tal-RFEUA japplika kemm għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru tal-UE kif ukoll għal dawk mhux tal-UE madwar l-UE. L-Artikolu 5 tal-RFEUA fl-aħħar mill-aħħar għandu l-għan li jevita l-frammentazzjoni tas-suq tat-trasport bl-ajru tal-UE, li jipprevjeni distorsjonijiet u prattiki inġusti ta' evitar tal-kostijiet fir-rigward tar-riforniment tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru u li jippromwovi t-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili. Għalhekk, l-obbligu tar-riforniment fl-Artikolu 5 huwa komponent ewlieni tal-RFEUA.

Operatur tal-inġenji tal-ajru jista', eċċezzjonalment u meta debitament ġustifikat, jaqa' taħt il-limitu stabbilit fl-Artikolu 5(1) tal-RFEUA fejn dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' konformità mar-regoli applikabbli dwar is-sikurezza tal-fjuwil. Barra minn hekk, u meta jkun debitament ġustifikat, jista' jitlob ukoll eżenzjoni temporanja mill-obbligu tar-riforniment mingħand l-awtorità (jew l-awtoritajiet) kompetenti. L-Artikolu 5(3) tal-RFEUA jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati biex tintalab tali eżenzjoni.

L-Artikolu 5(11) tal-RFEUA jagħti mandat lill-Kummissjoni biex tadotta linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 tal-RFEUA. Dawn il-linji gwida għandhom jinkludu l-elementi li operatur tal-inġenji tal-ajru jeħtieġlu jipprovdi biex jiġġustifika dawk l-eżenzjonijiet.

Dawn il-linji gwida interpretattivi jipprovdu l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(2) u (3) tal-RFEUA. Huma maħsuba biex jgħinu lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jiddeċiedu jekk għandhomx jintlaqgħu talbiet għal eżenzjonijiet. Għandhom jgħinu wkoll biex jiġu żgurati applikazzjoni u infurzar aktar konsistenti tar-Regolament. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tal-eżenzjonijiet stabbiliti skont l-Artikolu 5 tal-RFEUA madwar l-UE, kwistjonijiet ta' interpretazzjoni u applikazzjoni tal-qafas legali rilevanti jistgħu jiġu diskussi fi ħdan il-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar l-avjazzjoni sostenibbli (E03118/2) ([4]), bl-appoġġ tal-EASA. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss hija kompetenti biex tinterpreta d-dritt tal-Unjoni b'mod awtorevoli.

([1]) ĠU L, 2023/2405, 31.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2405/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

([3]) It-tankering tal-fjuwil huwa prattika fejn inġenju tal-ajru jġorr iktar fjuwil minn kemm ikun meħtieġ għat-titjira tiegħu sabiex inaqqas jew jevita l-bżonn ta' riforniment fl-ajruport ta' destinazzjoni.

([4]) Sottogrupp dwar l-avjazzjoni sostenibbli (E03118/2): https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?lang=mt&groupId=104312&fromMeetings=true&meetingId=51877.

2. KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 5 TAL-RFEUA: OBBLIGU TA' RIFORNIMENT GĦALL-OPERATURI TAL-INĠENJI TAL-AJRU

L-Artikolu 5(1) tal-RFEUA jirrikjedi li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jagħmlu riforniment ta' *mill-inqas 90 % tal-fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġ fis-sena* f'kull ajruport tat-tluq tal-Unjoni minn fejn joperaw titjiriet tat-trasport kummerċjali bl-ajru.

L-objettiv ta' din id-dispożizzjoni huwa li jiġi żgurat li l-ammont ta' fjuwil tal-avjazzjoni ppumpjat qabel it-tluq minn ajruport partikolari tal-Unjoni jkun proporzjonat mal-ammont ta' fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġ biex jiġu operati t-titjiriet li jitilqu minn dak l-ajruport tal-Unjoni matul is-sena.

Sabiex jintlaħaq l-objettiv tal-Artikolu 5 fir-rigward tal-obbligu ta' riforniment fl-ajruport tat-tluq tal-Unjoni, il-partijiet rilevanti fis-settur tal-avjazzjoni, jiġifieri l-korpi ta' amministrazzjoni tal-ajruporti tal-Unjoni, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru, il-produtturi tal-fjuwil, il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni u l-amministraturi tal-fjuwil, għandhom jaħdmu flimkien biex jiżguraw tranżizzjoni bla xkiel li tnaqqas id-diffikultajiet operazzjonali għall-minimu.

2.1. Min huwa soġġett għall-obbligu tal-Artikolu 5(1) tal-RFEUA u liema huma t-titjiriet fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu?

L-operaturi kollha tal-inġenji tal-ajru fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RFEUA huma legalment meħtieġa jikkonformaw mal-obbligu ta' riforniment skont l-Artikolu 5(1) tal-RFEUA meta jitilqu minn ajruport tal-Unjoni. L-Artikolu 3(3) tal-RFEUA jiddefinixxi operatur tal-inġenji tal-ajru bħala "persuna li topera ([5]) tal-inqas 500 titjira tat-trasport kummerċjali bl-ajru għall-passiġġieri, jew 52 titjira tat-trasport kummerċjali bl-ajru tal-merkanzija kollha li jitilqu minn ajruporti tal-Unjoni fil-perjodu ta' rapportar preċedenti jew, fejn ma jkunx possibbli li dik il-persuna tiġi identifikata, sid l-inġenju tal-ajru".

Operatur tal-inġenji tal-ajru jiġi identifikat mis-sinjal tas-sejħa użat għall-finijiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru kif stabbilit fil-pjan operazzjonali tat-titjira (identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru). Is-sinjal tas-sejħa għandu jkun dan li ġej:

a) meta l-pjan operazzjonali tat-titjira jkun fih id-dežinjatur ICAO għall-aġenzija operattiva tal-inġenji tal-ajru, l-operatur uniku tal-inġenji tal-ajru għandu jkun l-aġenzija operattiva tal-inġenji tal-ajru li tkun ġiet assenjata dak id-dežinjatur ICAO ([6]);

b) meta l-pjan operazzjonali tat-titjira jkun fih in-nazzjonalità jew il-marka komuni, u l-marka tar-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru li tkun imniżżla b'mod espliċitu f'ċertifikat tal-operaturi tal-ajru (AOC, aircraft operator certificate), jew ekwivalenti, jew f'dokument maħruġ minn Stat u li jidentifika l-operatur tal-inġenju tal-ajru, l-operatur uniku tal-inġenju tal-ajru għandu jkun il-persuna ġuridika jew fiżika li jkollha l-AOC (jew ekwivalenti) jew li tkun iddikjarata fid-dokument;

c) meta l-operatur tal-inġenju tal-ajru ma jkunx jista' jiġi identifikat, is-sid tal-inġenju tal-ajru għandu jkun l-operatur tal-inġenju tal-ajru.

L-Artikolu 5(1) tal-RFEUA japplika għall-inġenji tal-ajru involuti fl-avjazzjoni ċivili u li jwettqu titjiriet tat-trasport kummerċjali bl-ajru, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1). L-Artikolu 3(4) jiddefinixxi "titjira tat-trasport kummerċjali bl-ajru" bħala "titjira operata bl-għan li ġġorr passiġġieri, merkanzija jew posta, bi ħlas jew kiri, inkluż titjira tal-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju operata għal finijiet kummerċjali".

Skont il-ftehimiet tal-kiri bl-ekwipaġġ, inġenju tal-ajru jiġi operat mil-lokatur (sid l-inġenju tal-ajru), li essenzjalment jibqa' responsabbli għall-istat u l-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru, għall-benefiċċju tal-lokatarju (l-entità li tikri inġenju tal-ajru), li jżomm kontroll effettiv tat-titjira. Għaldaqstant, il-preżunzjoni hija li l-lokatarju huwa l-operatur tal-inġenju tal-ajru ta' dik it-titjira u li l-pjan tat-titjira jkun fih id-dežinjatur ICAO tal-lokatarju.

Skont ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ, inġenju tal-ajru jitħaddem mil-lokatarju skont l-AOC tiegħu u l-kontroll tal-inġenju tal-ajru effettivament jgħaddi għand il-lokatarju. Il-preżunzjoni, għalhekk, hija li l-lokatarju huwa l-operatur tal-inġenju tal-ajru u d-dežinjatur ICAO tal-lokatarju għandu jidher fil-pjan tat-titjira.

([5]) Il-kunċett tal-operat ta' titjira għandu jinftiehem fis-sens ekonomiku. Dan ifisser li l-'persuna' msemmija fid-definizzjoni ta' 'operatur ta' inġenju tal-ajru' ma tirreferix, pereżempju, għall-bdot li jtajjar l-inġenju tal-ajru f'isem persuna ġuridika.

([6]) Id-dežinjaturi ICAO jinsabu fid-Dok 8585 — Dežinjaturi għall-Aġenziji Operattivi tal-Inġenji tal-Ajru, u għall-Awtoritajiet u s-Servizzi tal-Avjazzjoni.

Ir-Regolament ma japplikax għal inġenji tal-ajru militari u għal titjiriet użati biss għal operazzjonijiet bi skopijiet umanitarji, ta' ripatrijazzjoni u ta' ritorn ([7]), kemm jekk volontarji kif ukoll jekk infurzati, inklużi riammissjonijiet, titjiriet ta' tiftix, ta' salvataġġ, ta' għajnuna f'każ ta' diżastru jew għal finijiet mediċi, kif ukoll għal operazzjonijiet doganali, tal-pulizija u tat-tifi tan-nar. Titjiriet Statali li jittrasportaw Kapijiet ta' Stat, Kapijiet ta' Gvern u ministri tal-Gvern ta' pajjiżi terzi huma esklużi wkoll. It-titjiriet ta' taħriġ (meta tkun purament titjira mhux kummerċjali) u dawk ċirkolari (li jitilqu u jaslu fl-istess ajruport mingħajr waqfa intermedja) huma esklużi wkoll. Ir-raġuni għall-esklużjoni ta' dawn it-titjiriet hija li dawn jiġu operati f'ċirkostanzi eċċezzjonali, li mhux dejjem jistgħu jiġu ppjanati bl-istess mod bħal titjiriet standard tat-trasport kummerċjali bl-ajru, u għalhekk, jista' jkun li mhux dejjem ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi skont din id-dispożizzjoni (ara l-premessa 17 tal-RFEUA). Fil-prattika, it-titjiriet esklużi jistgħu jiġu identifikati permezz tal-kodiċi ta' eżenzjoni tal-Uffiċċju Ċentrali tal-Imposti tar-Rotot (CRCO, Central Route Charges Office) tal-EUROCONTROL u/jew il-qasam tal-identifikazzjoni tat-titjira fil-pjan operazzjonali tat-titjira.

It-titjiriet ta' manutenzjoni, ta' ripożizzjonar jew titjiriet mingħajr passiġġieri jew merkanzija abbord (ferry flights) huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5(1) tal-RFEUA sakemm dawn jitqiesu bħala attivitajiet marbuta mal-attivitajiet kummerċjali tal-operatur tal-inġenji tal-ajru. Pereżempju, it-titjiriet ta' pożizzjonament u t-titjiriet mingħajr passiġġieri jew merkanzija abbord relatati mat-tiftix u s-salvataġġ huma esklużi. It-titjiriet operati taħt Obbligu ta' Servizz Pubbliku ("titjiriet OSP") jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RFEUA.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, l-RFEUA jkopri kemm jista' jkun traffiku tal-ajru kummerċjali fis-suq tal-avjazzjoni tal-UE. L-operaturi kollha tal-inġenji tal-ajru li operaw mill-inqas 500 titjira tat-trasport kummerċjali bl-ajru għall-passiġġieri (jew 52 titjira tat-trasport kummerċjali bl-ajru ta' merkanzija biss) huma għalhekk soġġetti għall-obbligu fl-Artikolu 5(1) tal-RFEUA. Madankollu, l-RFEUA jippermetti lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru jiksbu livell ogħla ta' ambizzjoni billi jippermettilhom jipparteċipaw u jkunu koperti mill-obbligi tiegħu fl-Artikolu 2(3) tal-RFEUA li jistabbilixxi l-bażi ġuridika u l-proċedura għal dan l-għan. .

Il-Kummissjoni, bl-għajnuna tal-EUROCONTROL u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tħejji u tippubblika fuq is-sit web tagħha lista aġġornata kull sena tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RFEUA, bl-attribuzzjoni rispettiva tagħhom lill-Istat Membru responsabbli ([8]).

2.2. **X'jinvolvi l-obbligu legali fl-Artikolu 5(1) tal-RFEUA?**

Il-limitu ta' riforniment ta' 90 % meħtieġ fl-Artikolu 5(1) tal-RFEUA japplika għall-"fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġ fis-sena". L-Artikolu 3(24) tal-RFEUA jiddefinixxih bħala l-ammont ta' fjuwil tal-avjazzjoni msemmi bħala "il-fjuwil għall-vjaġġ" u "il-fjuwil għas-sewqan tal-ajruplan" fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([9]). L-operatur tal-inġenji tal-ajru għandu jagħmel riforniment f'ajruport partikolari tal-Unjoni ta' mill-inqas 90 % tal-fjuwil meħtieġ fis-sena (jiġifieri għall-vjaġġ u għat-taxiing għat-tluq) sabiex jopera t-titjiriet kollha li jitilqu koperti mill-RFEUA matul perjodu ta' rapportar (jiġifieri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel is-sena ta' rapportar) f'dak l-ajruport partikolari tal-Unjoni.

L-obbligi ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 8 fl-Anness II tal-RFEUA jikkonċernaw is-somma annwali tal-fjuwil ippjanata għat-titjiriet kollha li jitilqu minn ajruport partikolari tal-Unjoni u s-somma annwali ta' fjuwil ippumpjat għal dawk it-titjiriet. Skont il-proċessi applikati mill-operatur tal-inġenji tal-ajru, il-fjuwil ippumpjat jista' jiġi ppruvat bl-użu ta' sorsi differenti (eż. (i) fatturi tal-fjuwil mill-fornitur tal-fjuwil, (ii) id-differenza bejn l-ammont ta' fjuwil fil-ħin tal-wasla f'ajruport tal-Unjoni (block-on) u l-ammont ta' fjuwil fil-ħin tat-tluq minn dak l-ajruport tal-Unjoni (block-off) u (iii) informazzjoni miksuba minn sorsi bħall-ġurnal tal-vjaġġ tal-inġenju tal-ajru, il-ġurnal tekniku u l-pjan operazzjonali tat-titjira).

L-obbligu ta' riforniment fl-ajruport tat-tluq tal-Unjoni jirreferi għal "fjuwil tal-avjazzjoni". L-Artikolu 3(6) tal-RFEUA jiddefinixxi l-fjuwil tal-avjazzjoni bħala fjuwil ta' sostituzzjoni manifatturat għall-użu dirett mill-inġenji tal-ajru. Fi kliem ieħor, l-obbligu tar-riforniment jikkonċerna l-fjuwils kollha disponibbli għall-avjazzjoni, inklużi l-fjuwils tal-avjazzjoni konvenzjonali.

([7]) Skont it-tifsira tal-leġiżlazzjoni dwar il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil.

([8]) Ara l-lista tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RFEUA fuq is-sit web tad-DĠ Mobbiltà u Trasport (https://transport.ec.europa.eu/transport-modes/air/environment/refueleu-aviation_en).

([9]) Għal aktar dettall, ara l-punt CAT.OP.MPA.181 Skema tal-fjuwil/tal-enerġija — l-ippjanar tal-fjuwil/tal-enerġija u l-politika tal-ippjanar mill-ġdid waqt it-titjira — ajruplani.

Operatur tal-inġenji tal-ajru li jonqos milli jiġġustifika kif xieraq in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżit ta' riforniment ta' mill-inqas 90 % tal-"fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġ fis-sena" skont l-Artikoli 5(2) u (3) tal-RFEUA huwa soġġett għal multa. Din il-multa għandha tiġi imposta mill-awtoritajiet tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 12(2) tal-RFEUA. Tali operatur tal-inġenji tal-ajru jista' madankollu jiġi eżentat mill-multa jekk ikun jista' juri li n-nuqqas tiegħu li jikkonforma mal-obbligi tal-Artikolu 5 kien ikkawżat minn ċirkostanzi eċċezzjonali u imprevedibbli li kienu lil hinn mill-kontroll tiegħu u li l-effetti tagħhom ma setgħux jiġu evitati anki kieku ttieħdu l-miżuri raġonevoli kollha.

2.3. **Meta u fejn għandu jagħmel riforniment l-operatur tal-inġenji tal-ajru?**

Operatur tal-inġenji tal-ajru fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RFEUA se jkollu jippompja l-fjuwil meta jitlaq minn ajruport tal-Unjoni (jiġifieri l-ajruport tat-tluq tal-Unjoni).

L-Artikolu 3(1) tal-RFEUA jiddefinixxi "ajruport tal-Unjoni" bħala ajruport kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imposti tal-ajruporti. Ajruport hemmhekk huwa definit bħala "kull medda ta' art speċifikament adattata għall-inżul, it-tluġħ u l-manuvrar ta' inġenji tal-ajru, inklużi l-installazzjonijiet anċillari li dawn l-operazzjonijiet jistgħu jinvolvu għar-rekwiżiti tat-traffiku u servizzi tal-inġenji tal-ajru inklużi l-installazzjonijiet meħtieġa għall-assistenza tas-servizzi kummerċjali tal-ajru" ([10]).

L-ajruporti tal-Unjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RFEUA huma dawk li għandhom traffiku tal-passiġġieri ogħla minn 800 000 passiġġier jew traffiku tal-merkanzija ogħla minn 100 000 tunnellata fil-perjodu ta' rapportar preċedenti. Dan il-limitu ġie stabbilit biex jiġi evitat li jitqiegħed piż żejjed fuq l-operazzjonijiet tat-trasport bl-ajru f'ajruporti żgħar.

L-ajruporti li jinsabu f'reġjun ultraperiferiku, kif elenkati fl-Artikolu 349 tat-TFUE — jiġifieri Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique, Mayotte, Réunion, Saint Martin, l-Azores, Madeira u l-Gżejjer Kanarji — jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-RFEUA.

L-Istati Membri jistgħu jkunu aktar ambizzjużi u jiddeċiedu li ajruport li jinsab fit-territorju tagħhom - u li ma jilħaqx il-limitu meħtieġ u jew li jinsab f'reġjun ultraperiferiku - xorta huwa kopert mill-RFEUA. Korp ta' amministrazzjoni tal-ajruport jista' jagħżel ukoll li jipparteċipa f'ajruport taħt il-ġestjoni tiegħu u li jiġi ttrattat bħala ajruport tal-Unjoni u jkun soġġett għall-RFEUA, billi jippreżenta talba lill-awtoritajiet kompetenti rispettivi. Fit-talba tiegħu, il-korp ta' amministrazzjoni tal-ajruport jeħtieġlu jagħti prova li l-ajruport kandidat jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tal-RFEUA. Il-bażi ġuridika u l-proċedura għal dan l-għan jistgħu jinstabu fl-Artikolu 2(2) tal-RFEUA.

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tipprovdi lista ta' ajruporti tal-Unjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RFEUA. Din il-lista tiġi aġġornata fuq bażi annwali ([11]).

2.4. **L-operaturi tal-inġenji tal-ajru ta' pajjiżi terzi huma obbligati jagħmlu riforniment skont l-Artikolu 5(1) tal-RFEUA?**

Kif spjegat fit-Taqsima 2.3, l-obbligu ta' riforniment ta' mill-inqas 90 % tal-fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġ fis-sena japplika fl-ajruport tat-tluq tal-Unjoni. Għalhekk, operatur tal-inġenji tal-ajru ta' pajjiż terz huwa soġġett għall-obbligu stabbilit fl-Artikolu 5(1) tal-RFEUA meta jitlaq minn ajruport tal-Unjoni, jekk ikun opera 500 titjira tat-trasport kummerċjali bl-ajru għall-passiġġieri jew 52 titjira tat-trasport kummerċjali bl-ajru ta' merkanzija biss minn ajruporti tal-Unjoni fil-perjodu ta' rapportar preċedenti. Fil-prattika dan ifisser li operatur tal-inġenji tal-ajru ta' pajjiż terz irid jagħmel riforniment ta' 90 % tal-fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġ fis-sena tiegħu għat-tluq minn ajruporti tal-Unjoni fl-ajruporti tal-Unjoni minn fejn jitlaq.

Operatur tal-inġenji tal-ajru ta' pajjiż terz li jonqos milli jikkonforma mal-obbligi tal-Artikolu 5 huwa soġġett għal multa imposta minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru (ara l-Artikolu 12(2) tal-RFEUA), sakemm tali nuqqas ta' konformità ma jkunx debitament iġġustifikat skont l-Artikolu 5(2) jew (3) tal-RFEUA jew ma jkunx ikkawżat minn ċirkostanzi eċċezzjonali u imprevedibbli skont it-tielet sentenza tal-Artikolu 12(2) tal-RFEUA.

([10]) L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-imposti tal-ajruporti (id-Direttiva dwar l-Imposti tal-Ajruporti) (ĠU L 70, 14.3.2009, p. 11).

([11]) Ara l-lista tal-ajruporti tal-Unjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RFEUA fuq is-sit web tad-DĠ Mobbiltà u Trasport (https://transport.ec.europa.eu/transport-modes/air/environment/refueleu-aviation_en).

2.5. **X'inhu r-rwol tal-korp ta' amministrazzjoni tal-ajruporti tal-Unjoni?**

Il-korpi ta' amministrazzjoni tal-ajruporti tal-Unjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għandhom rwol ewlieni fl-iffaċilitar tal-konformità tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru mal-obbligu ta' riforniment. F'dan ir-rigward, il-korp ta' amministrazzjoni tal-ajruport tal-Unjoni għandu jippjana r-riżorsi umani u infrastrutturali (eż. persunal suffiċjenti u kwalifikat, il-kapaċità tat-tankijiet u l-provvista tal-fjuwil, it-trakkijiet ta' forniment tal-fjuwil, is-sistemi tal-idranti, eċċ.) meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru mal-obbligu tal-Artikolu 5(1) tal-RFEUA.

Madankollu, ta' min jinnota li ċerti ajruporti (eż. dawk li jinsabu fuq gżejjer) jista' ma jkollhomx l-infrastruttura meħtieġa u/jew il-forniment tal-fjuwil tal-avjazzjoni minħabba l-kundizzjoni ġeografika tagħhom u għalhekk hemm mnejn ma jkunux jistgħu jiffaċilitaw l-ippumpjar rikorrenti tal-fjuwil tal-avjazzjoni fl-ajruport bl-istess mod bħal ajruporti oħra b'aktar riżorsi. Għalhekk, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jistgħu jitolbu eżenzjonijiet temporanji mill-obbligi tar-riforniment tagħhom għal ċerti rotot li jikkonnettjaw ma' ajruporti li jinsabu fi gżejjer mingħajr konnessjonijiet bil-ferrovija jew bit-triq ma' ajruport tal-Unjoni, fiċ-ċirkostanzi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 5(3) tal-RFEUA.

3. **EŻENZJONIJIET MILL-OBBLIGU TAR-RIFORNIMENT**

L-Artikolu 5(2) tal-RFEUA jippermetti lill-operatur tal-inġenji tal-ajru jaqa' taħt il-limitu meħtieġ mill-obbligu tar-riforniment meta jkun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' konformità mar-regoli applikabbli dwar is-sikurezza tal-fjuwil, f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([12]). F'dan ir-rigward, id-deċiżjoni tal-kmandanti dwar l-aħħar ippumpjar tal-fjuwil qabel it-tluq minn ajruport tal-Unjoni trid tiġi rispettata mingħajr interferenza mill-operatur tal-inġenji tal-ajru ([13]) (ara d-dettalji fit-Taqsima 4). L-eżenzjonijiet ġustifikati skont l-Artikolu 5(2) tal-RFEUA jiġu rrapportati *ex post* fir-rapport annwali li għandu jiġi ppreżentat mill-operatur tal-inġenji tal-ajru kif stabbilit fl-Artikolu 8 tal-RFEUA.

Eżenzjonijiet oħra mill-obbligi tar-riforniment stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tal-RFEUA huma limitati għal żewġ sitwazzjonijiet definiti fl-Artikolu 5(3)(a) u (b) tal-RFEUA u huma soġġetti għal talba ġustifikata u dettaljata minn qabel lill-awtorità kompetenti. Dawn l-eżenzjonijiet huma mitluba *ex ante*, ara d-dettalji fit-Taqsimiet 5 u 8. L-ewwel possibbiltà għal eżenzjoni mill-Artikolu 5(1) hija limitata għal rotot speċifiċi li jitilqu minn ajruporti tal-Unjoni u għal sitwazzjonijiet speċifiċi, jiġifieri, diffikultajiet operazzjonali serji u rikorrenti fir-riforniment tal-inġenji tal-ajru f'ajruport partikolari tal-Unjoni li jipprevjenu lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru milli jwettqu titjiriet b'turnaround fi żmien raġonevoli. It-tieni possibbiltà tikkonċerna diffikultajiet strutturali fil-provvista tal-fjuwil li jirriżultaw mill-karatteristiċi ġeografiċi ta' ajruport partikolari tal-Unjoni, li jwasslu għal prezzijiet ogħla b'mod sinifikanti tal-fjuwils tal-avjazzjoni u jqiegħdu lill-operatur tal-inġenji tal-ajru kkonċernat fi żvantaġġ kompetittiv sinifikanti meta mqabbel mal-kundizzjonijiet tas-suq li jeżistu f'ajruporti oħra tal-Unjoni b'karatteristiċi kompetittivi simili.

4. **L-ARTIKOLU 5(2) TAL-RFEUA: NUQQAS TA' SSODISFAR TAR-REKWIŻIT TA' PPUMPJAR TA' 90 % TAL-FJUWIL FL-AJRUPORT TAT-TLUQ TAL-UNJONI GĦAL RAĠUNIJIET TA' SIKUREZZA**

L-Artikolu 5(2) tal-RFEUA jipprevedi li operatur tal-inġenji tal-ajru jista' jaqa' taħt il-limitu ta' 90 % "tal-fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġ fis-sena" (jiġifieri l-fjuwil tal-vjaġġ u dak għas-sewqan tal-ajruplan għall-qtugħ mill-art) f'ajruport tat-tluq tal-Unjoni, jekk dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' konformità mar-regoli applikabbli dwar is-sikurezza tal-fjuwil. Din id-dispożizzjoni tqis il-ħtieġa li tiġi żgurata l-konformità, pereżempju, mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([14]) u, b'mod aktar speċifiku, mar-regoli tas-sikurezza fl-Anness IV tiegħu: il-punti CAT.OP.MPA.180, 181, 182 u 260, u meta xieraq, mal-punt CAT.OP.MPA.185 għall-ġestjoni u l-ippjanar tal-fjuwil matul it-titjira. Il-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMC, Acceptable Means of Compliance) u l-materjal ta' gwida (GM, Guidance Material) tal-EASA għall-Anness IV Operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru, il-Parti-CAT tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 dwar l-operazzjonijiet bl-ajru jipprovdu dettalji dwar dawk id-dispożizzjonijiet ([15]).

([12]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

([13]) CAT.OP.MPA.181, (c)(8) "*il-fjuwil […] diskrezzjonali, jekk il-kmandant jesiġi dan*", l-Anness IV, is-subparti B tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012.

([14]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

([15]) https://www.easa.europa.eu/en/document-library/acceptable-means-of-compliance-and-guidance-materials/group/part-cat---commercial-air-transport-operations#part-cat---commercial-air-transport-operations.

Aktar dettalji dwar il-ġustifikazzjonijiet possibbli għal riforniment taħt il-limitu tar-riforniment għal raġunijiet ta' sikurezza (kif ukoll l-evidenza ta' sostenn meħtieġa) jistgħu jinstabu fit-Taqsimiet 4.1 sa 4.4.

4.1. **Nuqqas ta' ssodisfar ta l-obbligu tal-ippumpjar tal-fjuwil. Implikazzjonijiet fuq ir-rapportar annwali skont l-Artikolu 8 tal-RFEUA** ([16])

Il-każijiet meta operatur tal-inġenji tal-ajru jonqos milli jissodisfa l-obbligu ta' ppumpjar ta' 90 % tal-"fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġ fis-sena" (vjaġġ u sewqan għall-ħruġ fuq ir-runway) f'ajruport tat-tluq tal-Unjoni jridu jiġu ġġustifikati kif xieraq lill-awtorità jew lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-ajruport tal-Unjoni kkonċernat meta l-operatur tal-inġenji tal-ajru ma jissodisfax il-limitu ta' 90 % u lill-EASA.

B'mod speċifiku, l-operatur tal-inġenji tal-ajru jeħtieġlu jiġġustifika għaliex l-ammonti tal-fjuwil tal-avjazzjoni jaqgħu taħt il-limitu ta' 90 % u mhux l-ammonti tal-fjuwil tal-avjazzjoni inklużi fil-buffer ta' 10 % skont l-Artikolu 5(1) tal-RFEUA. Fi kliem ieħor, l-operatur tal-inġenji tal-ajru jeħtieġlu jirrapporta l-kwantitajiet ta' fjuwil aggregati assoċjati li jiġu ppumpjati fit-tank (ippumpjati f'titjiriet preċedenti) għal raġunijiet ta' konformità mar-regoli dwar is-sikurezza tal-fjuwil li qed jipprevjenu lill-operatur tal-inġenji tal-ajru milli jikkonforma mar-rekwiżit tal-ippumpjar ta' 90 % f'ajruport partikolari tal-Unjoni. L-operatur tal-inġenji tal-ajru jeħtieġlu jindika liema rotot huma affettwati fir-rapportar tiegħu skont l-Artikolu 8 tal-RFEUA.

Din l-informazzjoni (inkluża l-ġustifikazzjoni) trid tiġi inkluża fir-rapport li l-operatur tal-inġenji tal-ajru jeħtieġlu jissottometti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-EASA skont l-Artikolu 8 tal-RFEUA (jiġifieri r-rapport annwali), li jrid jiġi vverifikat minn qabel minn verifikatur indipendenti kif meħtieġ mill-Artikolu 8(3) tal-RFEUA ([17]).

L-operatur tal-inġenji tal-ajru għandu jinkludi dan li ġej bħala parti mill-ġustifikazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 5(2) tal-RFEUA:

— ġustifikazzjoni li tispjega għaliex waqa' taħt il-limitu annwali stabbilit fl-Artikolu 5(1) tal-RFEUA għal raġunijiet ta' konformità mar-regoli applikabbli dwar is-sikurezza tal-fjuwil;

— indikazzjoni tar-rotot affettwati (jiġifieri s-sekwenza tat-titjira/titjiriet tal-wasla u tat-tluq fl-ajruport tal-Unjoni), u l-kwantitajiet ta' fjuwil assoċjati mal-fjuwil ippumpjat fit-tank għal raġunijiet ta' sikurezza.

L-awtorità kompetenti tista' taċċetta l-ġustifikazzjoni jekk ir-rekwiżiti applikabbli jiġu ssodisfati u jekk din tkun debitament ġustifikata. L-awtorità kompetenti tista' tikkonsulta lill-EASA meta tivvaluta jekk ġustifikazzjoni tissodisfax ir-regoli applikabbli dwar is-sikurezza tal-fjuwil.

Eżempju 1: L-operatur tal-inġenji tal-ajru **Y** itir mill-ajruport **A** għall-ajruport tal-Unjoni **B**. L-operatur tal-inġenji tal-ajru **Y** huwa assenjat lid-direttorat ġenerali għall-avjazzjoni ċivili ddeżinjat tiegħu (**A-DGCA**). Fi tmiem is-sena ta' rapportar, **Y** irid jissottometti lill-EASA u lil **A-DGCA** l-volumi tal-fjuwil ippumpjati kull sena, il-fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġ fis-sena u l-volumi ta' fjuwil mhux ippumpjati fis-sena ([18]). **Y** se jkollu jinnotifika wkoll, fi tmiem is-sena ta' rapportar, il-kwantitajiet mhux ippumpjati fit-tank lill-awtorità jew lill-awtoritajiet tal-ajruport(i) tal-Unjoni jekk ma jilħaqx il-limitu tar-riforniment għal raġunijiet ta' sikurezza.

F'dan l-eżempju, l-operatur tal-inġenji tal-ajru **Y** jaqa' taħt il-limitu tal-"fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġ fis-sena" fl-ajruport tal-Unjoni **B**, minħabba li xi titjiriet tar-rotta **A–B** ġew affettwati minn kundizzjonijiet tat-temp imbassra li kienu jeħtieġu l-ippumpjar ta' aktar fjuwil għal raġunijiet ta' sikurezza fl-ajruport **A** (l-eċċess tal-fjuwil dejjem jiġi ppumpjat fl-ajruport preċedenti). Madankollu, għall-kuntrarju tat-tbassir, it-temp ġeneralment tjieb matul it-titjiriet u l-inġenji tal-ajru diversi drabi spiċċaw jinżlu fl-ajruport tal-Unjoni **B** b'aktar fjuwil milli kien mistenni u għalhekk ma kinux kapaċi jippumpjaw il-fjuwil fl-ajruport tal-Unjoni **B** għat-titjira sussegwenti, minħabba li kellu biżżejjed fjuwil fit-tank. Filwaqt li **Y** ma ssodisfax ir-rekwiżit fl-Artikolu 5(1) tal-RFEUA għall-ajruport tal-Unjoni **B**, dan kien għaldaqstant iġġustifikat għall-konformità mar-raġunijiet ta' sikurezza tal-fjuwil.

([16]) Aktar dettalji dwar kif wieħed għandu jirrapporta jistgħu jinstabu fil-manwal għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru u għall-verifikaturi (jiġifieri l-korpi ta' verifika) (l-Artikolu 8 u l-Anness II tal-RFEUA).

([17]) L-Artikolu 8(3) tal-RFEUA jiddikjara li "Ir-rapport għandu jiġi vverifikat minn verifikatur indipendenti f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2003/87/KE, u l-atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni adottati abbażi tagħhom". Fi kliem ieħor, il-proċess ta' verifika u l-verifikaturi akkreditati għall-finijiet tal-RFEUA huma rregolati mir-regoli tal-EU ETS u b'mod partikolari dawk stabbiliti għas-settur tal-avjazzjoni.

([18]) Ara l-Artikolu 3 għad-definizzjonijiet, l-Artikolu 8 dwar l-obbligi ta' rapportar għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-Anness II għall-mudell ta' rapportar tal-RFEUA.

Eżempju 2: L-operatur tal-inġenji tal-ajru **Y** itir mill-ajruport **C** lejn l-ajruport **D** u lura għal **C** (ir-rotta **C–D–C**), li t-tnejn huma ajruporti tal-Unjoni. B'estensjoni mill-eżempju 1, l-operatur tal-inġenji tal-ajru **Y** huwa assenjat lill-awtorità kompetenti ta' **A-DGCA**. Fi tmiem is-sena ta' rapportar, **Y** irid jissottometti lill-EASA u lill-awtoritajiet kompetenti l-volumi ta' fjuwil ippumpjati kull sena, il-fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġ fis-sena u l-volumi ta' fjuwil mhux ippumpjati fis-sena ([19]). **Y** se jkollu jinnotifika wkoll, fi tmiem is-sena ta' rapportar, il-kwantitajiet mhux ippumpjati fit-tank lill-awtorità jew lill-awtoritajiet tal-ajruport(i) tal-Unjoni fejn ma jilħaqx il-limitu tar-riforniment għal raġunijiet ta' sikurezza tal-fjuwil.

F'dan l-eżempju, l-operatur tal-inġenji tal-ajru **Y** jaqa' taħt il-limitu tal-"fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġ fis-sena" fl-ajruport **D** minħabba li, f'konformità mal-punt CAT.OP.MPA.181 l-ittra (c)(4)(I) tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 965/2012, it-titjiriet mir-rotta **C–D** jirrikjedu ajruport ta' destinazzjoni alternattiv **E** li jinsab 'il bogħod mill-ajruport **D**. Fit-triq lura lejn **C** (rotta **D–C**), l-ajruport alternattiv tad-destinazzjoni **F** huwa qrib ħafna tal-ajruport **C**. Għalhekk, l-inġenju tal-ajru dejjem se jinżel b'aktar fjuwil milli meħtieġ f'**D** biex imur lura lejn **C**, li jipprevjenilu milli jippompja l-fjuwil fl-ajruport **D** għat-titjira sussegwenti tiegħu lura lejn **C** peress li **Y** kellu biżżejjed fjuwil fit-tank. Għalhekk, l-operatur tal-inġenji tal-ajru **Y** ma ssodisfax ir-rekwiżit fl-Artikolu 5(1) tal-RFEUA għall-ajruport **D**, għal raġunijiet relatati mas-sikurezza tal-fjuwil.

Għall-ajrudromi iżolati, l-istess jista' jiġri fejn il-punt CAT.OP.MPA.181 l-ittra (c)(4)(ii) u AMC7 ([20]) CAT.OP.MPA.182 jirrikjedu ammont ta' fjuwil addizzjonali li jservi għal madwar sagħtejn għall-operat f'ajrudromi iżolati bħal dawn. Dan jista' jnaqqas b'mod sinifikanti l-ħtieġa ta' riforniment għar-ritorn.

Fil-qosor, sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 5(2) tal-RFEUA (jiġifieri l-obbligu li *jiġġustifika kif xieraq*), l-operatur tal-inġenji tal-ajru jeħtieġlu jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti u lill-EASA r-raġunijiet ta' sikurezza għall-ippumpjar tal-fjuwil fit-tank f'titjiriet li jaslu fl-ajruport tal-Unjoni li jwasslu biex l-operatur tal-inġenji tal-ajru jonqos milli jissodisfa r-rekwiżit tal-ippumpjar tal-fjuwil fis-sena. L-ammonti ta' fjuwil li għandhom jiġu ġġustifikati huma limitati għad-differenza bejn id-90 % tal-fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġ fis-sena u l-ammont proprju ta' fjuwil tal-avjazzjoni fis-sena ppumpjat għal kull ajruport tal-Unjoni, li fih l-operatur tal-inġenji tal-ajru ma jikkonformax mar-rekwiżit tal-ippumpjar.

L-operatur tal-inġenji tal-ajru għandu jindika b'mod ċar ir-relazzjoni bejn il-volum tal-fjuwil ippumpjat u r-raġunijiet ta' sikurezza. Il-ġustifikazzjoni (id-dokument(i) ta' sostenn) għandha tikkorrispondi mal-ammonti ppumpjati u mar-raġunijiet ipprovduti. L-inkapaċità li tingħata prova tal-korrispondenza bejn il-volumi ppumpjati u l-ġustifikazzjonijiet tista' tirriżulta fi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-RFEUA.

4.2. **Eżempji ta' avvenimenti li jeħtieġu l-ippumpjar tal-fjuwil tal-avjazzjoni għall-konformità mar-regoli dwar is-sikurezza tal-fjuwil u ta' dokumenti ta' sostenn (ġustifikazzjonijiet)**

Il-lista li ġejja ta' eżempji li jirrikjedu l-ippumpjar tal-fjuwil tal-avjazzjoni għal raġunijiet ta' sikurezza mhijiex eżawrjenti iżda tinkludi l-aktar avvenimenti komuni ([21]) li jiġġustifikaw il-ħtieġa li jiġi ppumpjat aktar fjuwil fl-ajruport tat-tluq għal raġunijiet ta' sikurezza tal-fjuwil, u konsegwentement hemm ir-riskju li ma jintlaħaqx il-limitu tar-riforniment fl-ajruport ta' destinazzjoni tal-Unjoni. L-eżempji huma akkumpanjati mid-dokumenti li l-operatur tal-inġenji tal-ajru jkollu jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġġustifika t-twaqqigħ taħt il-limitu fl-Artikolu 5(1) tal-RFEUA.

F'kull każ, l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom, f'kooperazzjoni mal-EASA, jiżguraw li jintlaħaq il-bilanċ it-tajjeb bejn is-sikurezza u l-obbligi ta' riforniment u ta' rapportar tal-RFEUA. L-iżgurar tas-sikurezza huwa ta' importanza kbira, u għalhekk l-awtoritajiet jeħtiġilhom jeżerċitaw ġudizzju tajjeb f'kull ħin rigward il-livell ta' evidenza meħtieġa biex jiġi ssostanzjat it-tħassib dwar is-sikurezza. Il-ħtieġa ta' fjuwil addizzjonali spiss tkun ibbażata fuq l-għarfien espert tal-persunal taċ-ċentru ta' kontroll tal-operatur jew fuq l-esperjenza tal-bdoti.

([19]) Ara l-Artikolu 3 għad-definizzjonijiet, l-Artikolu 8 għall-obbligi ta' rapportar għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-Anness II għall-mudell ta' rapportar tal-RFEUA.

([20]) "Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità 7".

([21]) Kif irrappurtat mill-EASA u mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dan id-dokument.

— Każijiet ta' nuqqas ta' fjuwil tal-avjazzjoni (inklużi ammonti minimi ta' xiri imposti mill-fornitur tal-fjuwil fl-ajruporti tal-Unjoni b'kundizzjoni ġeografika bħal ġżejjer) jew kontaminazzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni fl-ajruport ta' destinazzjoni, ġustifikati mill-avviż lill-avjaturi jew mill-avviż lill-missjonijiet bl-ajru (NOTAM) rispettiv u/jew minn komunikazzjoni mill-fornitur tal-fjuwil (jekk disponibbli), jew minn kwalunkwe rapport ieħor fis-sistema ta' ġestjoni fil-punt ORO.GEN.200 "sistema ta' ġestjoni" ([22]) tal-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 (rapporti tal-bdot, rapporti ta' operaturi oħra, rapporti tal-awtoritajiet, jew informazzjoni pprovduta minn assoċjazzjonijiet tal-linji tal-ajru).

— Kundizzjonijiet avversi tat-temp (jew it-tbassir ta' kundizzjonijiet avversi tat-temp), ta' spiss (u b'mod partikolari matul operazzjonijiet fix-xitwa), jiġġustifikaw il-ħtieġa għal fjuwil addizzjonali (ara l-punti CAT.OP.MPA.181 l-ittra (b), CAT.OP.MPA.245, l-ittra (a)(1) kif ukoll CAT.OP.MPA.245 l-ittra (b)(c), u CAT.OP.MPA.255 l-ittra (b), CAT.OP.MPA.265 l-ittra (a) tal-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012) ([23]). Dan japplika wkoll għal kundizzjonijiet tat-temp oħra (eż. sħana) li jistgħu jirrikjedu fjuwil żejjed għall-użu ta' APU ([24]) b'riżultat ta' kundizzjonijiet tat-temp eċċezzjonalment kesħin jew sħan, viżibbiltà limitata, eċċ. Il-ġustifikazzjoni trid tkun ibbażata fuq rapporti tat-temp konkreti (eż. METAR ([25]) u ATIS ([26])), rapporti tat-tbassir tat-temp (eż. TAF ([27]), inkluż probabbiltajiet remoti ta' temp avvers bħal PROB30% ([28])), SIGMET ([29]), mapep tat-temp tul ir-rotta, kwalunkwe rapport ieħor dettaljat biżżejjed jew kwalunkwe kombinament tagħhom. Jistgħu jiġu ppreżentati wkoll sistemi mtejba ta' informazzjoni dwar it-temp, bħall-EWINS ([30]) jew għodod simili. Dawn l-għodod jistgħu jindikaw l-affidabbiltà tat-tbassir tat-temp, u jħeġġu lill-operaturi jżidu t-teħid tal-fjuwil meta *data* storika tissuġġerixxi li x'aktarx ikun hemm temp avvers (eż. ċpar) fl-ajruport ta' destinazzjoni, anki jekk it-tbassir uffiċjali ma jbassarx tali temp avvers.

— Azzjonijiet soċjali (inklużi protesti jew strajkijiet fl-ajruport ta' destinazzjoni) iġġustifikati minn, pereżempju, komunikazzjoni mill-ajruport u/jew NOTAM (ara l-punt CAT.OP.MPA.175 l-ittra (b)(4)(5) u EASA AMC1.CAT.OP.MPA.175 l-ittra (b) u l-punt CAT.OP.MPA.181 l-ittri (b) u (c)(7) tal-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012). Skont iċ-ċirkostanzi, it-theddida ta' azzjonijiet soċjali jew strajkijiet tista' tiġġustifika wkoll il-ħtieġa li jiżdied it-teħid tal-fjuwil.

— Dewmien fil-kontroll tat-traffiku tal-ajru (ATC) fl-ajruport ta' destinazzjoni, iġġustifikat minn NOTAM jew minn komunikazzjoni mill-fornitur tal-Maniġer tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) qabel it-tluq (il-punti CAT.OP.MPA.181 l-ittra (b)(6) u l-ittra (c)(7) tal-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012). Rapporti jew *data* oħra, bħal *data* storika mill-operatur tal-inġenji tal-ajru (inklużi rapporti mill-bdot) jistgħu jindikaw ukoll dewmien potenzjali fl-ajruport ta' destinazzjoni.

— Il-probabbiltà ta' riprogrammar tar-rotot tal-ATC, iġġustifikat minn NOTAM jew b'komunikazzjoni mill-fornitur tal-ATM, jew minn kwalunkwe rapport jew *data* rilevanti oħra (il-punt CAT.OP.MPA.181 l-ittra (b)(5)(6) u l-ittra (c)(7) tal-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012). Dan jinkludi *data* storika mill-operatur jew minn operaturi oħra, u rapporti tal-bdoti, li jindikaw riprogrammar potenzjali tul ir-rotta.

— Tħassib dwar is-sigurtà, bħal dak relatat ma' kunflitti tal-gwerra, iġġustifikat minn komunikazzjoni mill-ajruport, minn komunikazzjoni mill-fornitur tal-fjuwil, u/jew minn NOTAM.

([22]) Ara l-Anness III dwar ir-rekwiżiti tal-organizzazzjoni għall-operazzjonijiet bl-ajru fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

([23]) Ara l-Anness IV dwar l-operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

([24]) Unità ta' potenza awżiljarja.

([25]) Rapport meteoroloġiku dwar l-ajrudrom.

([26]) Servizz ta' informazzjoni b'terminal awtomatiku.

([27]) Tbassir għaż-żona tat-terminal.

([28]) Probabbiltà ta' 30 %.

([29]) Informazzjoni meteoroloġika sinifikanti.

([30]) Sistema mtejba ta' informazzjoni dwar it-temp.

— Diżastri naturali (eż. terremoti, eruzzjonijiet ta' vulkani u għargħar), ġustifikati minn komunikazzjoni tal-ajruport u/jew minn NOTAM, jew minn kwalunkwe rapport rilevanti ieħor (il-punt CAT.OP.MPA.181 l-ittra (b) u l-ittra (c)(7) tal-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012).

Minbarra d-dokumenti msemmija hawn fuq, l-operatur tal-inġenji tal-ajru jeħtieġlu jissottometti l-pjan operattiv tat-titjira ffirmat mill-kmandant, inkluża l-firma diġitali jew l-approvazzjoni diġitali tal-pjan tat-titjira. Dan id-dokument għandu jindika t-total tal-fjuwil meħtieġ għat-titjira ppumpjat (fit-titjira ta' qabel) u l-komponenti individwali tiegħu.

Dokumenti oħra li l-operatur tal-inġenji tal-ajru jista' jkun meħtieġ jipprovdi, fejn rilevanti, lill-awtorità kompetenti biex jiġġustifika li jaqa' taħt il-limitu stabbilit fl-Artikolu 5(1) tal-RFEUA għal raġunijiet ta' konformità mar-regoli dwar is-sikurezza tal-fjuwil jinkludu:

— informazzjoni dwar il-ġurnal tal-vjaġġ;

— METAR, TAF, SIGMET, mapep tat-temp tul ir-rotta, jew komunikazzjonijiet ANSP ([31]) dwar restrizzjonijiet tat-temp;

— NOTAM;

— komunikazzjonijiet ATM u ATC (fejn disponibbli);

— pubblikazzjonijiet ta' informazzjoni ajrunawtika (AIPs);

— komunikazzjonijiet mill-fornitur tal-fjuwil, il-groundhandler jew il-korp ta' amministrazzjoni tal-ajruport;

— pjan operazzjonali tat-titjira;

— kwalunkwe informazzjoni oħra li l-operatur tal-inġenji tal-ajru jista' jqis rilevanti u utli biex jiġġustifika l-ammonti ta' fjuwil irrapportati bħala ppumpjati għal raġunijiet ta' sikurezza.

L-operaturi tal-inġenji tal-ajru jeħtiġilhom jipprovdu lill-verifikaturi indipendenti d-dokumenti ta' sostenn rilevanti kollha biex jiffaċilitaw il-proċess ta' verifika tar-rapport annwali kif meħtieġ mill-Artikolu 8 tal-RFEUA (u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3)).

4.3. **L-operatur tal-inġenji tal-ajru għal kemm żmien għandu jżomm id-dokumenti ta' ġustifikazzjoni?**

Ir-Regolament jimponi fuq l-operaturi tal-inġenji tal-ajru l-oneru tal-provi biex jiġġustifikaw lill-awtoritajiet kompetenti u lill-EASA l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 5(1) u (2) tal-RFEUA. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru, għalhekk, iridu jivvalutaw għal kemm żmien huwa rakkomandabbli li jinżammu d-dokumenti ta' ġustifikazzjoni rilevanti, filwaqt li jitqiesu aspetti bħall-possibbiltà ta' proċeduri amministrattivi jew tal-qorti. Idealment l-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandhom iżommu d-dokumenti ta' ġustifikazzjoni għal minimu ta' 4 snin (jiġifieri s-sena ta' rapportar + 3 snin ta' żamma tad-*data*). Dan il-perjodu jista' jvarja bejn l-Istati Membri peress li r-regoli nazzjonali dwar l-infurzar applikabbli għas-settur jistgħu jippreskrivu skedi ta' żmien differenti. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ir-rakkomandazzjoni dwar iż-żamma tad-*data* pprovduta f'din it-taqsima meta jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament stabbiliti mill-Artikolu 12(1) tal-RFEUA.

4.4. **Kunsiderazzjonijiet dwar l-għażla ta' ajruport alternattiv u fjuwil diskrezzjonali**

L-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandhom il-libertà, fil-limiti stabbiliti fil-punt CAT.OP.MPA.192 tal-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([32]) li jagħżlu ajruport alternattiv. Spiss, għal raġunijiet ekonomiċi jista' jkun aktar razzjonali li jintgħażel ajruport alternattiv aktar 'il bogħod minn alternattivi oħra possibbli u eqreb, bħal pereżempju meta operatur tal-inġenji tal-ajru jkollu kuntratt mal-amministraturi tal-ajruport għall-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru u/jew il-kundizzjonijiet biex jipprovdi servizz aħjar lill-passiġġieri fil-każ ta' nżul fl-ajruport alternattiv (jiġifieri alternattiva kummerċjali). Madankollu, l-għażla ta' ajruport alternattiv ma tistax tintuża bħala mezz biex jinħbew il-prattiki ekonomiċi tat-tankering tal-fjuwil.

([31]) Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.

([32]) Ara l-Anness IV dwar l-operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

Bl-istess mod, l-operatur tal-inġenji tal-ajru jeħtieġ li ma jagħtix struzzjonijiet lill-bdot biex jippompja aktar fjuwil tal-avjazzjoni f'ajruport speċifiku għal raġunijiet ekonomiċi u jgħabbih bħala fjuwil diskrezzjonali. Il-fjuwil diskrezzjonali għandu, kif jindikaw il-kliem, jiġi ppumpjat fid-diskrezzjoni unika tal-kmandant u mingħajr interferenza mill-operatur tal-inġenji tal-ajru ([33]).

L-istess prinċipju se japplika għal prattiki li jaħbu t-tankering tal-fjuwil f'kategoriji oħra ta' fjuwils, pereżempju, meta tali kategoriji jitgħabbew fi kwantitajiet li huma b'mod ċar ogħla mill-kwantitajiet meħtieġa għall-objettivi ta' kull wieħed minn dawk it-tipi ta' fjuwil (eż. aktar fjuwil għas-sewqan tal-ajruplan, aktar fjuwil għall-vjaġġi billi jiġi ppjanat livell aktar baxx ta' cruising mhux realistiku u massa waqt it-tlugħ mhux realistika).

Il-prattiki li jużaw fjuwil alternattiv, fjuwil diskrezzjonali, u kategoriji oħra ta' fjuwil biex jaħbu t-tankering tal-fjuwil ekonomiku jirrappreżentaw ksur tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-RFEUA. Tali prattiki, meta jkunu bbażati fuq ġabra konkordanti ta' evidenza li tissodisfa fattur kemm oġġettiv kif ukoll suġġettiv, jistgħu jiġu ssanzjonati mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti ([34]).

5. L-ARTIKOLU 5(3) TAL-RFEUA: EŻENZJONIJIET TEMPORANJI GĦALL-OBBLIGU TA' RIFORNIMENT

L-Artikolu 5(3) tal-RFEUA jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-operatur tal-inġenji tal-ajru biex jitlob eżenzjoni temporanja minn qabel:

"B'mod eċċezzjonali, operatur tal-inġenji tal-ajru jista', meta debitament ġustifikat, jitlob mill-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 11(6) eżenzjoni temporanja mill-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għat-titjiriet fuq rotta speċifika eżistenti jew rotta ġdida ta' inqas minn 850 kilometru, jew 1 200 kilometru għal rotot li jikkollegaw ma' ajruporti li jinsabu fuq gżejjer mingħajr konnessjonijiet bil-ferrovija jew bit-triq, li jitilqu minn ajruport tal-Unjoni. Dik id-distanza għandha titkejjel bil-metodu tar-rotta ortodromika.

Tali talba għandha ssir mill-inqas tliet xhur qabel id-data prevista tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni, sostnuta minn ġustifikazzjoni dettaljata u adegwata. Tali eżenzjoni għandha tkun limitata għas-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) diffikultajiet operazzjonali serji u rikorrenti fir-riforniment tal-inġenji tal-ajru fl-ajruport partikolari tal-Unjoni li jżommu l-operaturi tal-inġenji tal-ajru milli jwettqu titjiriet bir-ritorn fi żmien raġonevoli; jew

(b) diffikultajiet strutturali fil-provvista tal-fjuwil tal-avjazzjoni li jirriżultaw mill-karatteristiċi ġeografiċi ta' ajruport partikolari tal-Unjoni, li jwasslu għal prezzijiet ogħla b'mod sinifikanti tal-fjuwils tal-avjazzjoni meta mqabbla mal-prezzijiet applikati bħala medja għal tipi simili ta' fjuwils tal-avjazzjoni f'ajruporti oħra tal-Unjoni partikolarment minħabba restrizzjonijiet speċifiċi tat-trasport tal-fjuwil jew disponibbiltà limitata ta' fjuwils f'dak l-ajruport tal-Unjoni u li jqiegħdu l-operaturi tal-inġenji tal-ajru kkonċernat fi żvantaġġ kompetittiv sinifikanti meta mqabbel mal-kundizzjonijiet tas-suq li jeżistu f'ajruporti oħra tal-Unjoni b'karatteristiċi kompetittivi simili".

Fir-rigward ta' rotot speċifiċi, operatur tal-inġenji tal-ajru jista' jiġi eżentat temporanjament mill-obbligu ta' rifornir fl-ajruport tat-tluq tal-Unjoni jekk ikun jista' juri diffikultajiet operazzjonali serji u rikorrenti fir-rifornir tal-inġenji tal-ajru f'dak l-ajruport tal-Unjoni, li jżommuh milli jwettaq titjiriet b'turnaround fi żmien raġonevoli u li jista' jkollhom impatt fuq il-konnettività, speċjalment tar-reġjuni periferiċi. Eżenzjoni tista' tapplika wkoll f'każ ta' diffikultajiet strutturali fil-provvista tal-fjuwil li jwasslu għal prezzijiet tal-fjuwil ogħla b'mod sinifikanti mill-prezzijiet applikati bħala medja għal tipi simili ta' fjuwils f'ajruporti oħra tal-Unjoni. Madankollu, il-prezzijiet tal-fjuwil ogħla b'mod sinifikanti fl-ajruport tal-Unjoni inkwistjoni ma għandhomx ikunu primarjament ir-riżultat tal-użu ogħla ta' SAF f'dak l-ajruport tal-Unjoni.

L-eżenzjoni tista' tingħata biss mill-awtorità kompetenti jekk ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5(3)(a) jew (b) jiġu ssodisfati u jekk it-talba tkun debitament ġustifikata.

5.1. L-ewwel kundizzjoni: rekwiżit tad-distanza

Qabel ma jitlob eżenzjoni temporanja skont l-Artikolu 5(3) tal-RFEUA, l-operatur tal-inġenji tal-ajru jeħtieġlu jiżgura li r-rotta li għaliha tapplika eżenzjoni tissodisfa r-rekwiżiti tad-distanza previsti f'dak l-Artikolu. L-Artikolu 5(3) jipprovdi żewġ għażliet.

1. L-operatur tal-inġenji tal-ajru jista' jitlob eżenzjoni għal rotta eżistenti jew ġdida ta' inqas minn 850 km li titlaq minn ajruport tal-Unjoni; *jew*

([33]) CAT.OP.MPA.181, (c)(8) "*il-fjuwil […] diskrezzjonali, jekk il-kmandant jesiġi dan*", l-Anness IV, is-subparti B tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012.

([34]) Ara, pereżempju, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Frar 2018, Altun et, C-359/16, ECLI:EU:C:2018:63, il-punti 48 sa 52.

2. L-operatur tal-inġenji tal-ajru jista' jitlob eżenzjoni għal rotta eżistenti jew ġdida ta' inqas minn 1 200 km meta din ir-rotta tikkollega ma' ajruporti li jinsabu fuq gżejjer mingħajr konnessjonijiet bil-ferrovija jew bit-triq. Ir-rotta trid titlaq minn ajruport tal-Unjoni, u tista' tikkonċerna jew rotot bejn il-kontinent u gżira, jew rotot bejn il-gżejjer mingħajr konnessjoni mal-kontinent.

Biex jissottometti t-talba tiegħu, l-operatur tal-inġenji tal-ajru jeħtieġlu jindika mill-inqas (i) il-kodiċijiet tal-ajruport tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) tar-rotta kkonċernata, (ii) l-ajruport tat-tluq tal-Unjoni, u (iii) id-distanza f'kilometri kkalkulata bl-użu tal-metodu ta' Vincenty.

L-awtorità kompetenti tivverifika jekk l-ajruport tat-tluq huwiex ajruport tal-Unjoni skont it-tifsira tal-RFEUA u jekk ir-rotta mitluba taqax fi ħdan ir-rekwiżiti tad-distanza stabbiliti fl-Artikolu 5(3) tal-RFEUA. Il-kalkolu tad-distanza huwa bbażat fuq il-metodu ta' Vincenty għall-kalkolu tad-distanza bejn żewġ punti fuq il-wiċċ ta' forma sferojdali, bl-użu tas-Sistema Ġeodetika Dinjija (WGS84[j] ([35]) . Id-Dokument 7910 tal-ICAO (Indikaturi tal-Post) għandu jintuża bħala l-bażi għal-latitudnijiet u l-lonġitudnijiet tal-ajrudrom ([36]).

5.2. **It-tieni kundizzjoni: ir-rekwiżiti fl-Artikolu 5(3)(a) u (b)**

Jekk jiġi ssodisfat ir-rekwiżit tad-distanza fl-Artikolu 5(3) tal-RFEUA, it-tieni pass għall-operatur tal-inġenji tal-ajru jkun li jivvaluta jekk ir-rotta li għaliha l-operatur tal-inġenji tal-ajru jkun qed jitlob l-eżenzjoni tissodisfax it-tieni sett ta' rekwiżiti skont l-Artikolu 5(3)(a) jew (b) tal-RFEUA.

Kwalunkwe talba għal eżenzjoni jeħtieġ li tiġi appoġġata minn ġustifikazzjoni dettaljata u adegwata u akkumpanjata mid-dokumenti rilevanti li jappoġġaw il-ġustifikazzjoni.

L-awtorità kompetenti tivvaluta kull talba wara analiżi każ b'każ. Se tqis ukoll bir-reqqa l-karatteristiċi speċifiċi tal-ajruport tal-Unjoni kkonċernat taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha u fejn l-operatur tal-inġenji tal-ajru jitlob li jiġi eżentat mill-obbligu tal-ippumpjar tal-fjuwil. Matul il-valutazzjoni tat-talba, l-awtorità kompetenti tista' tikkuntattja lill-ajruport tal-Unjoni kkonċernat biex titlob informazzjoni relatata mat-talba għal eżenzjoni sottomessa mill-operatur tal-inġenji tal-ajru. Pereżempju, l-awtorità kompetenti tista' titlob lill-ajruport jipprovdi *data* storika dwar il-ħinijiet tat-turnaround u l-operazzjonijiet jew id-disponibbiltà tal-fjuwil fejn rilevanti, sabiex tinforma d-deċiżjoni tagħha dwar l-għoti/ir-rifjut tal-eżenzjoni mitluba.

5.2.1. ***L-Artikolu 5(3)(a) tal-RFEUA — diffikultajiet operazzjonali serji u rikorrenti u ħinijiet tat-turnaround mhux raġonevoli***

5.2.1.1. *X'inhuma d-diffikultajiet operazzjonali serji u rikorrenti?*

L-ewwel nett, l-operatur tal-inġenji tal-ajru jeħtieġlu juri li l-ajruport tal-Unjoni li għalih qed jitlob eżenzjoni għar-riforniment qed iġarrab diffikultajiet operazzjonali serji u rikorrenti. Avveniment ta' darba bħal strajk fl-ajruport ma jistax jitqies bħala diffikultà operazzjonali serja u rikorrenti li tiġġustifika l-għoti ta' eżenzjoni għar-riforniment tal-fjuwil f'dak l-ajruport tal-Unjoni. L-impatt tal-istrajkijiet fuq l-ippumpjar tal-fjuwil għandu jiġi rrapportat skont l-Artikolu 5(2) tal-RFEUA, f'każ li jkunu jeħtieġu ppumpjar addizzjonali tal-fjuwil fl-ajruport tat-tluq għal raġunijiet ta' sikurezza tal-fjuwil.

It-tieni nett, irid jintwera li d-diffikultà operazzjonali li sseħħ fl-ajruport tal-Unjoni kkonċernat għandha impatt negattiv fuq l-operatur tal-inġenji tal-ajru. Id-diffikultà operazzjonali, pereżempju, tista' tħalli impatt negattiv fuq l-iskeda tat-titjir tal-inġenju tal-ajru kkonċernat fl-operazzjonijiet sussegwenti tiegħu b'mod sinifikanti u mhux negliġibbli. F'dan ir-rigward, l-operatur tal-inġenji tal-ajru jista' jkun f'riskju li jiġi penalizzat mill-koordinatur/mill-faċilitatur tas-slots jew f'riskju ta' operazzjonijiet ta' titjir mhux preċiżi matul il-jum, li potenzjalment jista' jkollu impatt fuq il-konnettività tal-UE.

Għalhekk, diffikultà operazzjonali trid tkun (i) avveniment ripetut, jew okkorrenza sistematika, marbuta mal-ajruport tal-Unjoni kkonċernat, (ii) tirriżulta f'ħin tat-turnaround mhux raġonevoli (spjegat fil-punt 5.2.1.2) (iii) ikollha impatt ekonomiku negattiv fuq l-operatur tal-inġenji tal-ajru.

L-okkorrenzi li ġejjin, li ma jikkostitwixxux lista eżawrjenti, jistgħu jitqiesu bħala *diffikultajiet operazzjonali potenzjali* li jistgħu jiġġustifikaw l-eżenzjoni jekk jintwera impatt negattiv fuq l-operatur tal-inġenji tal-ajru:

([35]) Ara r-referenza għall-għodda CERT tal-ICAO u l-kalkolu bil-metodu ta' Vincenty fuq https://www.icao.int/environmental-protection/CORSIA/Pages/CERT.aspx.

([36]) Ara r-Referenza għas-servizz tad-*data* tal-ICAO bħala referenza għall-Indikaturi tal-Pożizzjoni tal-Ajrudrom https://www.icao.int/Aviation-API-Data-Service/Pages/default.aspx.

— Spazju tar-rampa limitat u/jew spazju tar-rampa konġestjonat fl-ajruport jista' jkollu impatt fuq il-ħinijiet tat-turnaround, b'mod partikolari f'ajruporti konġestjonati fl-eqqel tal-istaġun (eż. f'ajruporti tal-gżejjer jew ajruporti żgħar qrib ċentri tal-iskijjar).

— Nuqqas ta' persunal suffiċjenti fl-ajruport fejn ikunu qed isiru l-operazzjonijiet ta' turnaround u/jew nuqqas ta' tagħmir suffiċjenti, bħal sistemi ta' idranti jew trakkijiet tal-fjuwil suffiċjenti. Tabilħaqq, in-nuqqas ta' riżorsi/tagħmir suffiċjenti fl-ajruport jista' jkollu impatt fuq il-ħinijiet ta' stennija għar-riforniment tal-fjuwil, u għalhekk, il-ħin finali tat-turnaround tal-inġenju tal-ajru. Biex jiġġustifika din it-talba għal eżenzjoni, l-amministratur tal-fjuwil fl-ajruport jeħtieġlu jkun iddikjara li ma għandux biżżejjed riżorsi u/jew tagħmir biex jagħti servizz lill-inġenju tal-ajru mingħajr dewmien mhux raġonevoli.

— Regoli lokali li jipprevjenu l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri waqt ir-riforniment tal-inġenju tal-ajru u/jew ir-regoli lokali dwar in-nirien li jirrikjedu l-preżenza ta' trakk tat-tifi tan-nar biex l-inġenju tal-ajru jerġa' jieħu l-fjuwil waqt li jkun qed jimbarka u jiżbarka lill-passiġġieri. Tali regoli lokali jista' jkollhom impatt fuq l-operat tat-turnaround tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru f'ajruporti konġestjonati jew f'ajruporti bi staġjonalità għolja. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandhom juru f'dawn il-każijiet li x-xenarji eżistenti għandhom impatt fuq il-ħinijiet tat-turnaround tal-inġenju tal-ajru b'mod sinifikanti u mhux negliġibbli, b'mod partikolari fejn jeżistu skedi stretti tat-titjiriet jew fejn id-disponibbiltà tat-trakkijiet tat-tifi tan-nar hija limitata.

5.2.1.2. *X'inhu ħin tat-turnaround mhux raġonevoli?*

Ladarba tkun ġiet identifikata d-diffikultà operazzjonali, l-operatur tal-inġenji tal-ajru jrid jivvaluta jekk din id-diffikultà operazzjonali timpedix ir-riforniment tal-inġenji tal-ajru, filwaqt li jirrispetta ħin tat-turnaround raġonevoli. Il-ħin tat-turnaround huwa mifhum bħala l-intervall ta' ħin bejn il-wasla ta' inġenju tal-ajru f'ajruport (waqfien/pawżi sħaħ tal-inġenju tal-ajru) u t-tluq tiegħu għat-titjira li jmiss (il-bibien tal-inġenju tal-ajru jingħalqu għat-tluq). B'mod ġenerali, il-ħin meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-ippumpjar tal-fjuwil huwa kważi dejjem inqas mill-ħin meħtieġ għall-iżbark u l-ħatt, u wara għall-imbark, it-tagħbija u l-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru.

Il-qafas regolatorju tal-UE (jiġifieri r-rekwiżiti fil-punt CAT.OP.MPA.200 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 u l-AMC6 ([37]) li jakkumpanjaha) jippermettu li l-passiġġieri jiżbarkaw, iżda din il-prattika mhijiex komuni ħafna fost l-operaturi Ewropej, peress li ma kinitx permessa b'mod espliċitu qabel l-2022. Qabel dan, ir-riforniment kien disponibbli biss waqt it-tluġħ abbord. Għalhekk, il-ġustifikazzjonijiet ta' ħin tat-turnaround insuffiċjenti bbażati biss fuq l-impossibbiltà tal-ippumpjar fit-tank waqt l-iżbark ma għandhomx jiġu aċċettati sakemm ma jiġux issodisfati r-rekwiżiti kollha fl-Artikolu 5(3)(a) tal-RFEUA.

Il-ħinijiet tat-turnaround ivarjaw għal titjira fuq distanzi twal tipikament ivarjaw minn 60 sa 150 minuta, filwaqt li l-ħinijiet tat-turnaround għal titjiriet fuq distanzi qosra jvarjaw minn 25 sa 80 minuta, jekk wieħed jassumi li l-operatur tal-inġenju tal-ajru jista' jagħmel riforniment waqt li l-passiġġieri qed jitilgħu abbord, qegħdin abbord, jew qed jiżbarkaw ([38]) .

Minħabba dawn il-ħinijiet tat-turnaround tipiċi, jekk diffikultà operazzjonali serja u rikorrenti tipprevjeni r-riforniment fi żmien raġonevoli, operatur tal-inġenji tal-ajru jista' jitlob eżenzjoni skont l-Artikolu 5(3)(a) tal-RFEUA. Madankollu, talba għal eżenzjoni li tiddikjara li l-ħin tat-turnaround żdied, pereżempju, minn 25 għal 30 minuta minħabba l-obbligu l-ġdid ta' riforniment ma setgħetx tiġi aċċettata, sakemm ma tingħatax prova li d-dewmien huwa sinifikanti u sakemm ma jintweriex li l-impatt ekonomiku negattiv tiegħu fuq titjiriet sussegwenti tant ikun kbir li l-ħinijiet il-ġodda tat-turnaround ma setgħux jitqiesu raġonevoli. Fi kliem ieħor, it-talba għal eżenzjoni ma tistax tkun ibbażata biss fuq intenzjoni li jinżamm l-istess ħin tat-turnaround bħal ta' qabel l-introduzzjoni tal-Artikolu 5(1) tal-RFEUA.

Il-lista li ġejja tista' tintuża bħala referenza mill-awtorità kompetenti u l-operatur tal-inġenji tal-ajru biex jiddeterminaw jekk l-obbligu ta' riforniment flimkien mad-diffikultà operazzjonali jirriżultax f'ħin tat-turnaround eċċessiv, li jvarja minn twaqqit raġonevoli, u għalhekk jista' jkollu impatt negattiv sinifikanti fuq l-operazzjonijiet tal-operatur tal-inġenji tal-ajru. Il-lista li ġejja mhijiex eżawrjenti.

— Informazzjoni mill-manwal tal-inġenju tal-ajru li tindika l-kapaċità massima tal-fjuwil.

([37]) Mezz Aċċettabbli ta' Konformità 6 (https://www.easa.europa.eu/en/document-library/acceptable-means-of-compliance-and-guidance-materials/group/part-cat---commercial-air-transport-operations#part-cat---commercial-air-transport-operations).

([38]) F'konformità mal-ħinijiet ipprovduti fit-Tabella 18.2 tal-Inputs Standard għall-Analiżi Ekonomika tal-EUROCONTROL, verżjoni 10.0.3, ippubblikata fit-18 ta' April 2023.

— Id-*data* storika rilevanti tal-ajruport dwar l-operazzjonijiet tat-turnaround u/jew il-meded tal-ħin tat-turnaround ppreżentati fit-Tabella 18.2 tal-Inputs Standard għall-Analiżi Ekonomika tal-EUROCONTROL, verżjoni 10.0.3, ippubblikata fit-18 ta' April 2023 ([39]).

— Id-*data* storika tal-operatur tal-inġenji tal-ajru rigward l-operazzjonijiet ta' turnaround fl-ajruport ikkonċernat. Jekk l-operatur tal-inġenji tal-ajru għamel riforniment normali fil-passat, ma għandux ikun hemm impediment sakemm ma jkunx hemm bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi.

— Il-ħin tat-turnaround eċċessiv jirriskja li jkollu impatt fuq l-iskeda tas-slots fl-ajruport, bir-riżultat li l-operatur tal-inġenji tal-ajru jirriskja li jiġi penalizzat mill-koordinatur/faċilitatur fl-ajruport ikkonċernat.

— Il-ħin tat-turnaround iħalli impatt fuq l-operazzjonijiet tal-operatur tal-inġenji tal-ajru fuq it-titjiriet sussegwenti, bir-riskju li dan jiġi ppenalizzat mill-koordinatur/faċilitatur tas-slots f'ajruporti sussegwenti.

Bħala konklużjoni, u f'konformità mal-eżempji pprovduti hawn fuq, l-operatur tal-inġenji tal-ajru jeħtieġlu jagħti prova fit-talba tiegħu għal eżenzjoni skont l-Artikolu 5(3)(a): (i) tal-eżistenza ta' avveniment serju u rikorrenti li jwassal għad-diffikultà operazzjonali, (ii) li l-ħin tat-turnaround mhuwiex raġonevoli; (iii) u li hemm impatt negattiv serju u konsegwenti fuq il-konnettività, jew impatt ekonomiku fuq l-operatur tal-inġenji tal-ajru. Fin-nuqqas ta' impatt negattiv fuq il-konnettività jew fuq l-operatur tal-inġenji tal-ajru, ma jkun hemm l-ebda raġuni biex tintalab eżenzjoni mill-obbligu ta' riforniment tal-fjuwil fl-ajruport ikkonċernat.

5.2.2. ***L-Artikolu 5(3), (b) — Diffikultajiet strutturali fil-provvista tal-fjuwil li jirriżultaw minn karatteristiċi ġeografiċi***

It-talbiet għal eżenzjonijiet skont l-Artikolu 5(3)(b) jeħtieġ li jissodisfaw erba' rekwiżiti kumulattivi biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tagħti eżenzjoni temporanja: (i) irid ikun hemm diffikultajiet strutturali fil-provvista tal-fjuwil fl-ajruport tal-Unjoni, (ii) iridu jkunu minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi tal-ajruport tal-Unjoni, (iii) iridu jirriżultaw fi prezzijiet tal-fjuwil ogħla b'mod sinifikanti bħala medja milli f'ajruporti oħra tal-Unjoni: u (iv) iridu jwasslu għal żvantaġġ kompetittiv sinifikanti għall-operatur tal-inġenji tal-ajru (meta mqabbla mal-kundizzjonijiet tas-suq f'ajruporti oħra tal-Unjoni b'karatteristiċi kompetittivi simili).

5.2.2.1. *X'inhuma d-diffikultajiet strutturali fil-provvista tal-fjuwil f'ajruport tal-Unjoni minħabba l-kundizzjoni ġeografika tal-ajruport?*

L-ewwel żewġ rekwiżiti jkopru l-ajruporti tal-Unjoni fejn il-provvista tal-fjuwil hija diffikultà strutturali minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi tat-territorju, fejn jinsab l-ajruport tal-Unjoni. L-ajruporti tal-Unjoni f'żoni remoti bħall-gżejjer, l-Ewropa periferali remota jew ir-reġjuni muntanjużi ħafna drabi jistgħu jkunu soġġetti għal diffikultajiet strutturali bħal dawn fil-provvista tal-fjuwil. Dawn id-diffikultajiet fil-provvista jistgħu jiġu kkawżati minn fatturi bħal kapaċità limitata jew ineżistenti tal-produzzjoni tal-fjuwil fiż-żona kkonċernata; konnessjonijiet insuffiċjenti bit-triq jew bil-pipeline jew, (fil-każ tal-gżejjer), il-ħtieġa li l-fjuwil jiġi fornut bil-baħar.

Element ieħor li għandu jiġi kkunsidrat huwa l-kapaċità limitata ta' ħżin tal-fjuwil fl-ajruport tal-Unjoni. Il-ħżin tal-fjuwil jista' jkun limitat f'ajruporti tal-Unjoni li ma għandhomx provvista bil-pipelines, minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi tagħhom.

Għalhekk, l-Artikolu 5(3)(b) tal-RFEUA jirrikonoxxi li l-karatteristiċi ġeografiċi ta' ajruport tal-Unjoni jistgħu jirriżultaw f'diffikultajiet strutturali fil-provvista tal-fjuwil, inkluża d-disponibbiltà limitata tal-fjuwil tal-avjazzjoni f'ajruport tal-Unjoni.

5.2.2.2. *Il-provvista tal-fjuwil u l-kundizzjoni ġeografika kif jirriżultaw fi prezzijiet tal-fjuwil ogħla b'mod sinifikanti mill-prezzijiet medji tal-fjuwil f'ajruporti oħra tal-Unjoni?*

Id-diffikultajiet strutturali fil-provvista tal-fjuwil li jirriżultaw mill-karatteristiċi ġeografiċi ta' ajruport partikolari tal-Unjoni (kif spjegat fil-punt 5.2.2.1), jistgħu jirriżultaw, fit-tielet kundizzjoni, fi prezzijiet tal-fjuwil ogħla b'mod sinifikanti mill-prezzijiet applikati bħala medja għal tipi simili ta' fjuwils f'ajruporti oħra tal-Unjoni.

Barra minn hekk, l-istaġjonalità għolja fl-ajruporti tal-Unjoni b'diffikultà fil-provvista tal-fjuwil flimkien ma' kundizzjoni ġeografika jistgħu jżidu d-domanda għall-fjuwil tal-avjazzjoni, li jirriżulta fi prezzijiet ogħla b'mod sinifikanti mill-prezzijiet applikati bħala medja għal tipi simili ta' fjuwils f'ajruporti oħra tal-Unjoni.

([39]) Ara d-dokument fil-link li ġej: https://ansperformance.eu/economics/cba/standard-inputs/

Ajruporti oħra tal-Unjoni jistgħu fil-biċċa l-kbira jiġu fornuti permezz ta' pipeline, pereżempju, u b'hekk jiġu evitati kostijiet addizzjonali tat-trasport bħall-ispejjeż assoċjati mal-provvista tal-fjuwil lejn ajruport fuq ġżira. F'ajruporti oħra tal-Unjoni, il-kostijiet tat-trasport jistgħu jitnaqqsu jekk ikun hemm aktar minn fornitur tal-fjuwil wieħed preżenti fl-ajruport tal-Unjoni jew jekk l-ajruport ikun qrib raffinerija tal-fjuwil. Dawn l-elementi jwasslu għal ipprezzar aktar kompetittiv tal-fjuwil tal-avjazzjoni milli fl-ajruporti tal-Unjoni b'kundizzjoni ġeografika kif deskritta fil-punt 5.2.2.1.

Fil-punt 5.2.2.4 huwa spjegat liema elementi jeħtieġ li tingħata prova tagħhom sabiex jintwerew prezzijiet ogħla b'mod sinifikanti għal fjuwils tal-avjazzjoni simili.

5.2.2.3. *X'inhuma l-iżvantaġġi kompetittivi sinifikanti għall-operatur tal-inġenji tal-ajru, meta mqabbla mal-kundizzjonijiet tas-suq eżistenti f'ajruporti oħra tal-Unjoni b'karatteristiċi simili?*

Wara li l-ewwel juri li l-ajruport ibati minn diffikultajiet strutturali fil-provvista tal-fjuwil (...) minħabba l-post tal-ajruport, li jirriżultaw fi prezzijiet tal-fjuwil ogħla b'mod sinifikanti (...), l-operatur tal-inġenji tal-ajru jeħtieġlu juri r-raba' rekwiżit, jiġifieri li r-riforniment f'dak l-ajruport tal-Unjoni jpoġġih fi żvantaġġ kompetittiv sinifikanti meta mqabbel mal-kundizzjonijiet tas-suq li jeżistu f'ajruporti oħra tal-Unjoni b'karatteristiċi kompetittivi simili.

Operatur tal-inġenji tal-ajru jiffaċċja żvantaġġ kompetittiv sinifikanti jekk ikun meħtieġ li jagħmel riforniment kif mitlub mill-Artikolu 5(1) tal-RFEUA fix-xenarji li ġejjin:

— Il-prezzijiet tal-fjuwil tal-avjazzjoni fl-ajruport tal-Unjoni li għalih tintalab eżenzjoni huma ogħla b'mod sinifikanti minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi tiegħu u d-diffikultajiet fil-provvista tal-fjuwil. Għalhekk, l-operatur tal-inġenji tal-ajru jsibha diffiċli li jikkompeti b'mod effettiv għan-negozju ma' operaturi oħra tal-inġenji tal-ajru li jservu ajruporti oħra tal-Unjoni fl-istess żona ta' kummerċ u li huma meqjusa bħala sostituti mill-perspettiva tad-domanda tal-passiġġieri. Dan jista' jseħħ jekk pereżempju l-ajruport tal-Unjoni (u għalhekk l-operatur tal-inġenji tal-ajru li jagħmel it-talba) jaqdi t-traffiku turistiku/tal-vaganzi li jista' jiġi ddevjat lejn ajruport ieħor tal-Unjoni li jaqdi domanda simili tal-konsumatur fl-istess żona ta' kummerċ. Il-valutazzjoni jeħtieġ li titwettaq fuq bażi ta' każ b'każ iżda tali sostitwibbiltà tista' tkun mistennija bejn uħud mill-iżgħar ġejjer li jiddependu b'mod predominanti fuq it-traffiku turistiku u f'każijiet oħra għandhom ftit domanda kummerċjali oħra jew, pereżempju, bejn ġżira u l-kosta fuq il-kontinent li jinsabu fl-istess żona ta' kummerċ.

— Żvantaġġ kompetittiv jeħtieġ li jkun aktar minn sempliċiment suffiċjenti; jeħtieġ li jkun *sinifikanti*. Ċerti varjazzjonijiet fil-prezzijiet u l-pożizzjonijiet kompetittivi tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru huma mistennija (inklużi varjazzjonijiet fil-kostijiet) iżda dan ma jiġġustifikax eżenzjoni b'mod awtomatiku. Żvantaġġ kompetittiv sinifikanti jeħtieġ aktar minn sempliċiment differenza żgħira fil-kundizzjonijiet kompetittivi. Kwalunkwe applikazzjoni tal-Artikolu 5(3)(b) fi kwalunkwe każ trid issir fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li jitqiesu r-rotta u jekk hemmx żewġ ajruporti tal-Unjoni li jinsabu fl-istess żona ta' kummerċ.

Eżempju 3: l-operatur tal-inġenji tal-ajru **Y** jitlob eżenzjoni temporanja, skont l-Artikolu 5(3)(b) tal-RFEUA, mill-obbligu ta' riforniment meta jitlaq mill-ajruport tal-Unjoni **A** (li jinsab fuq ġżira) lejn l-ajruport tal-Unjoni **B** (li jinsab fuq l-art kontinentali). Ir-rotta hija **B–A–B**. L-ajruport **A** huwa fil-biċċa l-kbira destinazzjoni rikreattiva u għandu diffikultajiet strutturali fil-provvista tal-fjuwil, minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi tiegħu, li jżidu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-fjuwil. **Y** se jkollu bżonn juri fit-talba tiegħu għal eżenzjoni li l-kundizzjonijiet fl-ajruport **A** jpoġġuh fi żvantaġġ kompetittiv sinifikanti meta mqabbel mal-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jtiru mill-istess ajruport kontinentali f'**B** lejn l-ajruport tal-Unjoni **N**. **N** f'dan l-eżempju jkun ajruport tal-Unjoni li jinsab fiż-żona ta' kummerċ ta' **A** u li joffri destinazzjoni ta' divertiment simili għal **A**.

— L-iżvantaġġ kompetittiv tal-operatur tal-inġenji tal-ajru fl-ajruport tal-Unjoni li għalih jitlob eżenzjoni jista' jkun sinifikanti meta mqabbel ma' ajruporti oħra tal-Unjoni b'karatteristiċi kompetittivi simili (eż. id-daqs, il-post fl-Istat Membru jew fl-Istat(i) Membru/i ġar/ġirien, il-mudell tan-negozju, u t-taħlita tat-traffiku). Dan l-iżvantaġġ jista' jkun ibbażat fuq fatturi bħal spejjeż operatorji ogħla (inklużi tariffi tal-ajruport u tal-immaniġġjar), restrizzjonijiet tal-kapaċità (bħal kapaċità limitata tar-rampa u faċilitajiet infrastrutturali limitati), u/jew aċċessibbiltà inadegwata tal-ajruporti.

Eżempju 4: l-operatur tal-inġenji tal-ajru **Y** jitlob eżenzjoni skont l-Artikolu 5(3)(b) fl-ajruport **A** tal-Unjoni, li jinsab fi żvantaġġ kompetittiv sinifikanti meta mqabbel mal-ajruport **B** tal-Unjoni, minħabba prezzijiet ogħla b'mod sinifikanti tal-fjuwils tal-avjazzjoni, kostijiet operatorji ogħla, aċċessibbiltà inadegwata, u faċilitajiet tal-passiġġieri inqas attraenti. Il-fatt li l-linji tal-ajru u l-passiġġieri x'aktarx li jippreferu l-ajruport **B** tal-Unjoni se jkollu impatt fuq il-kapaċità tal-ajruport tal-Unjoni **A** li jattira u jżomm it-traffiku.

Fil-kuntest ta' talba għal eżenzjoni skont l-Artikolu 5(3)(b), l-operatur tal-inġenji tal-ajru għalhekk se jkollu juri li l-prezz ogħla b'mod sinifikanti tal-fjuwil tal-avjazzjoni fl-ajruport tal-Unjoni, li huwa dovut għall-karatteristiċi ġeografiċi tal-ajruport u għal diffikultajiet relatati fil-provvista tal-fjuwil, ipoġġih fi żvantaġġ kompetittiv sinifikanti meta mqabbel ma' operaturi oħra tal-inġenji tal-ajru li joperaw f'destinazzjonijiet tal-ajruporti tal-Unjoni li jistgħu jkunu sostituti. Fi kliem ieħor, l-operatur tal-inġenji tal-ajru li jagħmel it-talba jeħtieġlu juri li, minħajr eżenzjoni mill-obbligu tal-Artikolu 5(1) tal-RFEUA, se jitlef traffiku sinifikanti tal-passiġġieri fil-konfront ta' operatur tal-inġenji tal-ajru ieħor li jkun qed joffri destinazzjoni alternattiva simili.

Wieħed għandu jżomm f'moħħu li dawn l-eżempji juru ċirkostanzi li fihom tista' potenzjalment tingħata eżenzjoni, madankollu, sabiex tiġi aċċettata eżenzjoni, iridu jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha fl-Artikolu 5(3)(b). Dan ifisser li operatur tal-inġenji tal-ajru ma jistax jirċievi aċċettazzjoni għal talba għal eżenzjoni sempliċiment billi jiddikjara li jista' jikseb prezz tal-fjuwil aktar kompetittiv fl-ajruport A, li huwa eqreb ta' raffinerija, milli fl-ajruport B, li jinsab f'reġjun muntanjuż. Ir-rekwiżiti kollha fl-Artikolu 5(3)(b) għandhom jiġu ppruvati wieħed wieħed.

5.2.2.4. *Kif jista' l-operatur tal-inġenji tal-ajru jiġġustifika t-talba tiegħu għal eżenzjoni?*

L-ewwel nett, l-operatur tal-inġenji tal-ajru jrid jagħti prova li l-ajruport tal-Unjoni li għalih tintalab l-eżenzjoni jbati minn diffikultà strutturali fil-provvista tal-fjuwil tal-avjazzjoni.

It-tieni, l-operatur tal-inġenji tal-ajru jrid jagħti prova li d-diffikultà fil-provvista hija dovuta għall-karatteristiċi ġeografiċi tiegħu. Il-kundizzjoni ġeografika tista' tkun evidenti minnha nnifisha għal xi gżejjer (eż. gżejjer żgħar mingħajr konnessjonijiet mal-kontinent bil-ferrovija jew bit-triq) iżda xorta jkun meħtieġ li tingħata prova li r-rekwiżiti li ġejjin huma ssodisfati: (i) diffikultà strutturali fil-provvista tal-fjuwil u (ii) il-kundizzjoni ġeografika. Talba għal eżenzjoni li tikkonċerna reġjuni remoti jew muntanjużi għandha tiġi spjegata fid-dettall (pereżempju, għaliex u kif il-karatteristiċi ġeografiċi tal-ajruport jikkawżaw ir-restrizzjonijiet fil-provvista tal-fjuwil). Deskrizzjoni tad-diffikultajiet eżatti fil-provvista tal-fjuwil għandha tiġi inkluża wkoll fit-talba għall-eżenzjoni. Fi kliem ieħor, is-sempliċi prova ta' kundizzjoni ġeografika mhux se tkun biżżejjed sabiex it-talba għal eżenzjoni tiġi aċċettata. Id-diffikultà fil-provvista trid tintwera wkoll.

It-tielet, l-operatur tal-inġenji tal-ajru jrid jagħti prova tad-differenza medja sinifikanti fil-prezz tal-fjuwil għal tipi simili ta' fjuwil tal-avjazzjoni bejn ajruporti oħra tal-Unjoni u l-ajruport tal-Unjoni li għalih qed jitlob eżenzjoni mill-obbligu ta' riforniment. L-operatur tal-inġenji tal-ajru jrid jipprovdi lill-awtorità kompetenti kwalunkwe dokument rilevanti li jista' jkollu fil-pussess tiegħu sabiex juri l-prezzijiet tal-fjuwil ogħla b'mod sinifikanti (eż. kwotazzjonijiet tal-prezzijiet mill-fornitur(i) tal-fjuwil fl-ajruporti differenti tal-Unjoni u l-prezzijiet medji pprovduti minn pjattaformi speċjalizzati). L-elementi li ġejjin jistgħu jintużaw biex jappoġġaw il-valutazzjoni:

— It-tqabbil tal-prezzijiet bejn fjuwils tal-avjazzjoni simili. Dan ifisser, pereżempju, li t-tqabbil tal-prezzijiet tal-fjuwil tal-pitrolju u tal-SAF ma jkunx mod validu kif tingħata prova tad-differenza sinifikanti fil-prezzijiet. Il-prezzijiet tal-pitrolju jridu jitqabblu mal-prezzijiet tal-pitrolju u t-taħlitiet tal-SAF iridu jitqabblu mal-prezzijiet ta' taħlitiet simili ta' SAF.

— It-tqabbil tal-prezzijiet bejn ajruporti simili, inkluż mingħajr limitazzjoni, f'termini tad-daqs, il-post (jiġifieri fl-Istat Membru jew fl-Istat(i) Membru/i ġar/ġirien), il-mudell tan-negozju u t-taħlita tat-traffiku tagħhom. L-ajruporti magħżula għat-tqabbil tal-prezzijiet se jipprovdu l-prezzijiet medji tas-suq tal-fjuwil tal-avjazzjoni disponibbli f'dawn l-ajruporti tal-Unjoni għall-finijiet ta' tqabbil mal-prezzijiet ferm ogħla tal-ajruport tal-Unjoni fejn tintalab l-eżenzjoni.

— It-tqabbil tad-differenza sinifikanti fil-prezz tal-fjuwil tal-avjazzjoni jista' jiġi appoġġat mill-analiżi tal-kostijiet u/jew mill-analiżi tal-marġni tal-profitt tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru.

— It-tqabbil tad-differenza sinifikanti fil-prezz tal-fjuwil tal-avjazzjoni jista' jiġi appoġġat minn analiżi tal-provvista u d-domanda li tħalli impatt fuq il-prezzijiet (jiġifieri r-restrizzjonijiet tal-provvista u l-bidliet fid-domanda bħal bidliet staġjonali).

Ir-raba', l-operatur tal-inġenji tal-ajru jrid jagħti prova tal-iżvantaġġ kompetittiv sinifikanti meta mqabbel ma' operaturi oħra tal-inġenji tal-ajru li jtiru lejn ajruporti oħra tal-Unjoni b'karatteristiċi kompetittivi simili. Għalhekk, l-operatur tal-inġenji tal-ajru se jkollu jiġġustifika t-talba tiegħu billi jidentifika destinazzjoni(jiet) oħra ta' ajruport tal-Unjoni f'kompetizzjoni, juri kif dak l-ajruport tal-Unjoni jikkompeti mal-ajruport tal-Unjoni li għalih tintalab l-eżenzjoni, u juri jew telf ta' passiġġieri lejn dak l-ajruport l-ieħor tal-Unjoni, jew riskju prevedibbli u mhux ipotetiku ta' tali telf ta' passiġġieri (fiż-żewġ każijiet muri bħala "sinifikanti").

Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet li jivvalutaw it-talbiet tal-Artikolu 5(3)(b) tal-RFEUA għandhom jikkollaboraw mal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni tagħhom qabel ma jiddeċiedu jekk jagħtux jew jirrifjutawx talba. Din il-kooperazzjoni għandha tkopri speċifikament il-valutazzjoni tar-rekwiżiti dwar prezzijiet tal-fjuwil ogħla b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-prezzijiet medji tal-fjuwil f'ajruporti oħra tal-Unjoni u żvantaġġ kompetittiv sinifikanti meta mqabbel mal-kundizzjonijiet tas-suq li jeżistu f'ajruporti oħra tal-Unjoni b'karatteristiċi kompetittivi simili.

6. L-AWTORITÀ KOMPETENTI GĦALL-FINIJIET TAL-ARTIKOLU 5 TAL-RFEUA

6.1. Ir-rwol tal-awtoritajiet għall-finijiet tal-Artikolu 5(2) u (3) tal-RFEUA

L-Artikolu 5(2) tal-RFEUA jippermetti li operatur tal-inġenji tal-ajru ma jissodisfax ir-rekwiżit tar-riforniment stabbilit fl-Artikolu 5(1) tal-RFEUA jekk dan ikun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' konformità mar-regoli applikabbli dwar is-sikurezza tal-fjuwil. Tali ċirkostanzi jridu jkunu debitament ġustifikati lill-awtorità jew lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 11(6) tal-RFEUA u lill-EASA, flimkien ma' indikazzjoni tar-rotot affettwati ([40]).

L-Artikolu 11(6) tal-RFEUA jiddikjara li "l-Istat Membru responsabbli, li l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti tiegħu, dežinjati f'konformità (mal-Artikolu 11(1) tal-RFEUA), huma responsabbli għal korp ta' amministrazzjoni partikolari tal-Unjoni, għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-ġuriżdizzjoni territorjali rispettiva tal-ajruport tal-Unjoni".

Għall-finijiet tal-Artikolu 5(2) tal-RFEUA, l-operatur tal-inġenji tal-ajru għalhekk irid jinnotifika u jiġġustifika r-raġunijiet ta' sikurezza tal-fjuwil li minħabba fihom ma jissodisfax l-obbligu ta' riforniment stabbilit fl-Artikolu 5(1) (jiġifieri d-90 % "tal-fjuwil meħtieġ fis-sena" għall-vjaġġ u għas-sewqan għall-ħruġ fuq ir-runway) u jindika wkoll liema rotot huma affettwati lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 11(6) tal-RFEUA. Din hija awtorità li hija responsabbli għal korp partikolari ta' amministrazzjoni tal-ajruport tal-Unjoni, li min-naħa tiegħu jiġi ddeterminat abbażi tal-ġuriżdizzjoni territorjali rispettiva tal-ajruport.

L-Artikolu 5(3) tal-RFEUA jipprevedi li l-eżenzjonijiet mill-obbligu tar-riforniment stabbilit fl-Artikolu 5(1) jistgħu, f'ċerti ċirkostanzi, jintalbu minn qabel mingħand l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 11(6) tal-RFEUA. Għall-finijiet tal-Artikolu 5(3), l-operatur tal-inġenji tal-ajru għalhekk irid jitlob li jingħataw jew jiġu rrifjutati eżenzjonijiet possibbli ([41]) skont dik id-dispożizzjoni mill-awtorità responsabbli għal ajruport tal-Unjoni fejn l-operatur tal-inġenji tal-ajru jiddikjara li ma jkunx jista' jagħmel riforniment.

Bħala konklużjoni, l-awtorità kompetenti li tirċievi l-ġustifikazzjonijiet retrospettivi dwar l-ammonti mhux rifornuti għal raġunijiet ta' sikurezza u t-talbiet bil-quddiem għal eżenzjonijiet mill-obbligu tar-riforniment tal-fjuwil hija l-awtorità kompetenti tal-ajruport fejn iseħħ in-nuqqas ta' riforniment tal-fjuwil. Din l-awtorità tista' tkun differenti mill-awtorità kompetenti li timponi multi fuq l-operatur tal-inġenji tal-ajru.

6.2. Min hija l-awtorità kompetenti għall-infurzar tal-obbligu ta' riforniment u għall-impożizzjoni ta' multi?

L-Artikolu 11(1) tal-RFEUA jiddikjara li "l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-infurzar tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għall-impożizzjoni ta' multi fuq l-operaturi tal-inġenji tal-ajru, fuq il-korpi ta' amministrazzjoni tal-ajruporti tal-Unjoni, u fuq il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni (...)".

Sabiex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti kif ukoll biex iżżid it-trasparenza u l-aċċess aktar faċli għall-partijiet interessati, il-Kummissjoni tippubblika fuq is-sit web tagħha lista ta' awtoritajiet kompetenti nazzjonali maħtura li huma inkarigati mill-implimentazzjoni u l-infurzar tal-RFEUA ([42]).

([40]) L-operatur tal-inġenji tal-ajru jeħtieġlu jinkludi wkoll dik l-informazzjoni fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 8 tal-RFEUA (jiġifieri r-rapport annwali), bil-kwantitajiet ta' fjuwil assoċjati rrapportati separatament. Dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-awtorità maħtura skont l-Artikolu 11(5) tal-RFEUA. Ir-rapport (inklużi l-kwantitajiet miżjuda għal raġunijiet ta' sikurezza) irid jiġi ppreżentat sal-31 ta' Marzu ta' kull sena ta' rapportar (irrappurtati b'mod retrospettiv).

([41]) It-talbiet għal eżenzjoni fuq rotta skont l-Artikolu 5(3) tal-RFEUA jridu jiġu ppreżentati lill-awtorità kompetenti mill-inqas 3 xhur qabel id-data prevista tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni (mitluba minn qabel).

([42]) Ara l-lista tal-awtoritajiet kompetenti maħtura taħt RFEUA fuq is-sit web tad-DĠ Mobbiltà u Trasport (https://transport.ec.europa.eu/transport-modes/air/environment/refueleu-aviation_en)

L-Artikolu 11(5) tal-RFEUA jiddikjara li l-awtorità jew l-awtoritajiet maħtura (ara l-Artikolu 11(1) tal-RFEUA) responsabbli għal operatur tal-inġenji tal-ajru partikolari huma ddeterminati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2009 ([43]). Meta operatur tal-inġenji tal-ajru ma jkunx ġie attribwit lil Stat Membru fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2009, ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 18a tad-Direttiva 2003/87/KE ([44]) se jiġu segwiti sabiex tiġi ddeterminata l-awtorità li lilha għandu jiġi assenjat l-operatur tal-inġenji tal-ajru ([45]). Dawn ir-regoli fihom id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-assenjazzjoni ta' kull operatur tal-inġenji tal-ajru lill-Istat Membru amministrattiv tiegħu. L-iskop ta' din l-assenjazzjoni huwa li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-Istati Membri responsabbli għall-infurzar tal-RFEUA.

L-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-impożizzjoni ta' multi fuq l-operaturi tal-inġenji tal-ajru (ara l-Artikolu 12(2) tal-RFEUA) għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-RFEUA hija/huma l-awtorità jew l-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 11(1) u (5) tal-RFEUA. Dan ifisser li l-awtorità jew l-awtoritajiet maħtura biss għandhom jimponu multi fuq l-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jkunu ġew assenjati lilhom, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2009 jew ir-regoli li jinsabu fl-Artikolu 18a tad-Direttiva 2003/87/KE. Dawn se jkunu l-istess awtorità jew awtoritajiet li se jirċievu r-rapporti sottomessi mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru assenjati tagħhom (f'konformità mal-Artikolu 8(1) tal-RFEUA) u għalhekk dawk li se jkollhom aċċess dirett għall-kontenut sħiħ tar-rapport annwali dwar jekk intlaħqux il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1).

Tali awtorità jew awtoritajiet maħtura huma responsabbli għall-impożizzjoni u l-ġbir tal-multi fuq l-operaturi tal-inġenji tal-ajru assenjati tagħhom anki jekk il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-RFEUA ma ntlaħqux f'ajruporti tal-Unjoni li jinsabu barra mill-Istat Membru rispettiv tagħhom. Fil-fatt, tali nuqqas ta' konformità mhuwiex marbut ma' xi ajruport speċifiku tal-Unjoni iżda pjuttost ma' obbligu għall-UE kollha biex jiġi żgurat li l-ippumpjar tagħhom tal-fjuwils tal-avjazzjoni fissena jissodisfa l-limiti tal-Artikolu 5(1) tal-RFEUA. Tali awtorità jew awtoritajiet maħtura se jkollhom l-informazzjoni meħtieġa dwar il-fjuwil ippumpjat fit-tank għal raġunijiet ta' sikurezza tal-fjuwil minħabba li dan huwa parti mill-obbligi ta' rapportar tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru skont l-Artikolu 8(1)(d) u l-Anness II tal-RFEUA.

Eżempju 5: ħatra tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti

L-Istat Membru **A** jaħtar id-direttorat ġenerali tiegħu għall-avjazzjoni ċivili ("**A-DGCA**") bħala l-awtorità kompetenti tiegħu f'konformità mal-Artikolu 11(1) tal-RFEUA. L-operatur tal-inġenji tal-ajru "**Y**" huwa assenjat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2009 lill-Istat Membru **A**. F'dan l-eżempju, **A-DGCA** se jkun l-awtorità kompetenti responsabbli għall-infurzar u l-impożizzjoni ta' multi skont l-RFEUA fuq l-operatur tal-inġenji tal-ajru "**Y**" fil-każ li dan l-operatur tal-inġenji tal-ajru jonqos milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 5 tal-RFEUA.

Eżempju 6: min hija l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 5(2) tal-RFEUA u x'inhuma l-implikazzjonijiet skont l-Artikolu 8 tal-RFEUA?

L-operatur tal-inġenji tal-ajru **Y** jopera rotta bejn l-Istati Membri **A** u **B** u jopera rotta mill-Istat Membru **B** lejn pajjiż terz. Skont ir-regoli tal-Artikolu 11(5) tal-RFEUA, **Y** huwa assenjat lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru **A** (**A-DGCA**). **Y** iħejji l-obbligi ta' rapportar annwali tiegħu skont l-Artikolu 8 tal-RFEUA (billi jsegwi l-Anness II tar-Regolament) u l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 5(2). F'dan l-eżempju, l-operatur tal-inġenji tal-ajru għandu l-obbligi li ġejjin:

(1) Mill-Istat Membru **A** għall-Istat Membru **B**: F'dan l-eżempju, **Y** jissodisfa r-rekwiżit ta' riforniment ta' 90 % (ara l-Artikolu 5(1) tal-RFEUA) fl-ajruport tat-tluq tal-Unjoni fl-Istat Membru **A**. **Y** jeħtieġlu jirrapporta ma' **A-DGCA** għaliex huwa assenjat lill-Istat Membru **A**. Jeħtieġlu jirrapporta wkoll mal-EASA, sabiex jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 8(1) tal-RFEUA.

(2) Minn Stat Membru **B** għal pajjiż terz: wara valutazzjoni tal-obbligi ta' riforniment annwali tiegħu, **Y** jirrealizza li jaqa' taħt il-limitu ta' 90 % stabbilit fl-Artikolu 5(1) tal-RFEUA fl-ajruport tat-tluq tal-Unjoni fl-Istat Membru **B**. Madankollu, hija l-fehma ta' **Y** li huwa ġġustifikat li jaqa' taħt il-limitu għal raġunijiet ta' sikurezza tal-fjuwil f'konformità mal-Artikolu 5(2) tal-RFEUA.

([43]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2009 tal-5 ta' Awwissu 2009 dwar il-lista ta' operaturi ta' inġenji tal-ajru li wettqu attività ta' avjazzjoni elenkata fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE fl-1 ta' Jannar 2006 jew wara, li tispeċifika l-Istat Membru ta' amministrazzjoni għal kull operatur ta' inġenji tal-ajru (ĠU L 219, 22.8.2009, p. 1).

([44]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE,h(ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

([45]) Il-lista ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RFEUA ppubblikata fis-sit web tad-DĠ Mobbiltà u Trasport tindika l-awtorità li kull operatur tal-inġenji tal-ajru huwa assenjat lilha.

F'dan l-eżempju, **Y** ikollu **obbligu doppju**: (i) jeħtieġlu jiġġustifika kif xieraq lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru **B** (fejn iseħħ in-nuqqas li jiġi ssodisfat ir-rekwiżit tar-riforniment) għaliex ma jissodisfax dak ir-rekwiżit ta' riforniment; u (ii) jirrapporta l-kwantitajiet mhux ippumpjati fit-tank u l-ġustifikazzjonijiet rilevanti lil **A-DGCA** u lill-EASA, skont l-Artikolu 8(1) tal-RFEUA.

→ B'segwitu għal dan l-eżempju, **A-DGCA** huwa l-awtorità kompetenti assenjata lil **Y**. Kif spjegat, huwa għalhekk ir-riċevitur tal-obbligi ta' rapportar skont l-Artikolu 8(1) tal-RFEUA ppreżentati minn dan l-operatur tal-inġenji tal-ajru. **A-DGCA** huwa wkoll l-awtorità kompetenti għall-impożizzjoni ta' multi fuq **Y** għal nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 5(1) tal-RFEUA jekk **A-DGCA** isib li kien hemm ksur fl-ajruport tat-tluq tal-Unjoni fl-Istat Membru **B** wara li vvaluta r-rapport u kkonsulta mal-awtorità kompetenti ta' **B** (fejn rilevanti).

Eżempju 7: min hija l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 5(3) tal-RFEUA?

L-operatur tal-inġenji tal-ajru **Y** jitlaq minn ajruport tal-Unjoni li jinsab fil-kapital tal-Istat Membru **B**, itir lejn ajruport tal-Unjoni li jinsab fi gżira fl-Istat Membru **C**, u mbagħad jirritorna għall-kapital fl-Istat Membru **B** (rotta **B–C–B**). F'dan l-eżempju, **Y** tiddetermina li jeħtieġ li titlob eżenzjoni skont l-Artikolu 5(3)(a) tal-RFEUA għar-rotta **C–B**, minħabba li l-provvista tal-fjuwil mhijiex garantita fl-Istat Membru **C** matul l-eqqel tal-istaġun, u dan jirriżulta f'ħinijiet tat-turnaround mhux raġonevoli. L-operatur tal-inġenji tal-ajru jkun ivvaluta r-rekwiżiti meħtieġa skont l-Artikolu 5(3)(a) u jifhem li dawn ġew issodisfati. **Y** jeħtieġlu jitlob l-eżenzjoni mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru **C** (jiġifieri, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-ajruport tal-Unjoni fejn l-operatur tal-inġenji tal-ajru ma jkollux l-intenzjoni li jagħmel riforniment tal-fjuwil).

Meta tintalab eżenzjoni skont l-Artikolu 5(3)(a) jew (b) tal-RFEUA **għal titjiriet trijangolari**, it-talba trid issir lill-awtorità kompetenti tal-ajruport fejn l-operatur tal-inġenji tal-ajru ma jistax jagħmel riforniment.

Eżempju 8: awtoritajiet kompetenti fil-każ ta' titjiriet trijangolari

Fir-rotta **A–B–C–D–A**, l-operatur tal-inġenji tal-ajru **Y** ma jistax jagħmel riforniment fl-ajruporti **B** u **D** tal-Unjoni għal raġunijiet ġustifikati skont l-Artikolu 5(3)(a) jew (b). L-operatur tal-inġenji tal-ajru Y għandu jitlob (i) eżenzjoni mill-awtorità kompetenti tal-ajruport **B** tal-Unjoni għar-rotta **B–C**, u (ii) eżenzjoni oħra mill-awtorità kompetenti tal-ajruport **D** tal-Unjoni għar-rotta **D–A**.

7. **KOOPERAZZJONI BEJN L-AWTORITAJIET**

L-Artikolu 11(3) tal-RFEUA jiddikjara li "Il-Kummissjoni, l-Aġenzija [EASA] u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw u jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti kollha biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva u l-konformità ma' dan ir-Regolament".

L-Artikolu 11(3) tal-RFEUA jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jikkooperaw u jiskambjaw l-informazzjoni kollha rilevanti biex jiżguraw implimentazzjoni effettiva u konformità mar-Regolament. Dan jinkludi eżenzjonijiet possibbli li setgħu ngħataw skont l-Artikolu 5(3) tal-RFEUA. L-awtoritajiet kompetenti, sabiex jiżguraw applikazzjoni konsistenti tal-Artikolu 5 tal-RFEUA, jeħtiġilhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni bl-istess mod mal-EASA u mal-Kummissjoni. Din il-kooperazzjoni hija meħtieġa mir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti, iżda l-Kummissjoni u l-EASA jistgħu jiffaċilitawha.

L-awtorità jew l-awtoritajiet maħtura jeħtiġilhom ikollhom il-qafas legali u amministrattiv meħtieġ fis-seħħ fil-livell nazzjonali biex jiżguraw il-ġbir tal-multi, skont l-Artikolu 12(9) tal-RFEUA.

L-informazzjoni riċevuta skont l-Artikolu 5(2) tal-RFEUA mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 11(6) tal-RFEUA se tintuża jekk tkun meħtieġa kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet fil-kuntest, pereżempju, ta' rieżami ta' rapport annwali jew deċiżjoni dwar l-impożizzjoni ta' multa. L-awtorità responsabbli għall-impożizzjoni ta' multi tista' titlob l-opinjoni tal-awtorità fejn il-limitu tar-riforniment fl-Artikolu 5(1) tal-RFEUA ma jkunx intlaħaq għall-konformità mar-regoli dwar is-sikurezza tal-fjuwil.

8. DWAR IL-PROĊESS BIEX TINTALAB EŻENZJONI SKONT L-ARTIKOLU 5(3)(A) JEW (B) TAL-RFEUA U R-RWOL TAL-KUMMISSJONI

8.1. Tul ta' żmien u tiġdid tal-eżenzjoni

L-Artikolu 5(5) tal-RFEUA jiddikjara li l-eżenzjoni(jiet) mogħtija mill-awtorità kompetenti għandhom perjodu limitat ta' validità li ma jistax jaqbeż sena (1). L-awtorità kompetenti għandha għalhekk tispeċifika, fid-deċiżjoni li biha tagħti eżenzjoni, f'konformità mal-Artikolu 5(3)(a) jew (b) tal-RFEUA, it-tul ta' żmien preċiż tal-eżenzjoni. Dan it-tul ta' żmien jista' jikkoinċidi mat-tul ta' żmien tal-fattur fl-ajruport li jimpedixxi l-ippumpjar tal-fjuwil, iżda ma jistax jaqbeż il-limitu ta' sena (1).

L-awtorità kompetenti tista', fuq talba tal-operatur tal-inġenji tal-ajru, tirrieżamina l-eżenzjoni qabel ma tiskadi. Kwalunkwe talba għat-tiġdid għandha tiġi ppreżentata mill-inqas 3 xhur qabel id-data ta' skadenza tal-eżenzjoni.

Eżempju 9: Tul ta' żmien tal-eżenzjoni

L-operatur tal-inġenji tal-ajru **Y** jista' jkollu bżonn eżenzjoni f'ajruport żgħir u konġestjonat tal-Unjoni li jinsab fuq ġżira, matul il-perjodu tal-iskedar tas-sajf minħabba li dan huwa l-aktar perjodu traffikuż tas-sena. Madankollu, jista' jkun li ma tkunx meħtieġa eżenzjoni fuq din il-ġżira matul il-perjodu tal-iskedar tax-xitwa. L-awtorità kompetenti se tivvaluta jekk ir-rekwiżiti fl-Artikolu 5(3) tal-RFEUA humiex issodisfati u se tagħti l-eżenzjoni għat-tul ta' żmien tal-problemi identifikati li jiġġustifikaw l-eżenzjonijiet, u fi kwalunkwe każ mhux itwal minn sena (1).

8.2. Meta għandha tiġi ppreżentata t-talba lill-awtorità kompetenti?

L-operatur tal-inġenji tal-ajru jeħtieġlu jissottometti t-talba tiegħu lill-awtorità kompetenti mill-inqas 3 xhur qabel id-data prevista għall-applikazzjoni tal-eżenzjoni (l-Artikolu 5(3) tal-RFEUA). L-eżenzjonijiet jistgħu jintalbu fi żminijiet differenti matul is-sena. L-eżenzjoni tista' tingħata biss mill-awtorità kompetenti jekk ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5(3)(a) jew (b) jiġu ssodisfati u jekk it-talba tkun debitament ġustifikata. L-awtorità kompetenti hija meħtieġa tieħu deċiżjoni dwar it-talba mingħajr dewmien żejjed, u mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni prevista, skont l-Artikolu 5(5) tal-RFEUA.

8.3. L-awtorità kompetenti tista' titlob informazzjoni addizzjonali

L-Artikolu 5(4) tal-RFEUA jiddikjara li l-awtorità kompetenti tista', meta tivvaluta t-talbiet għal eżenzjonijiet skont l-Artikolu 5(3)(a) jew (b) tal-RFEUA, titlob informazzjoni addizzjonali mill-operatur tal-inġenji tal-ajru minbarra l-ġustifikazzjonijiet diġà pprovduti mill-operatur tal-inġenji tal-ajru. L-awtorità kompetenti tiddetermina liema informazzjoni teħtieġ sabiex tkun tista' tivvaluta t-talba għal eżenzjoni.

Jekk l-awtorità kompetenti titlob informazzjoni addizzjonali, l-iskadenza biex tieħu deċiżjoni tiġi sospiża sakemm l-operatur tal-inġenji tal-ajru jipprovdi informazzjoni kompluta.

8.4. Id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti (l-Artikolu 5(6) tal-RFEUA)

L-awtorità kompetenti jeħtiġilha tieħu deċiżjoni li taċċetta jew tirrifjuta l-ewwel talba għal eżenzjoni sottomessa minn operatur tal-inġenji tal-ajru skont l-Artikolu 5(3)(a) jew (b) tal-RFEUA. L-operatur tal-inġenji tal-ajru ma jistax iqis nuqqas li jadotta deċiżjoni sal-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 5(5) tal-RFEUA bħala deċiżjoni li tawtorizza l-eżenzjoni mitluba.

In-nuqqas li tiġi adottata deċiżjoni dwar talbiet għal tiġdid sa mhux aktar tard minn xahar (1) qabel l-iskadenza tal-eżenzjoni mogħtija preċedentement se jitqies bħala deċiżjoni biex tiġi awtorizzata l-applikazzjoni kontinwa tal-eżenzjoni mitluba għat-tiġdid. Dan ikun il-każ jekk l-operatur tal-inġenji tal-ajru jkun appoġġa t-talba tiegħu għat-tiġdid b'ġustifikazzjoni dettaljata u adegwata mill-inqas 3 xhur qabel l-iskadenza tal-eżenzjoni.

8.5. **Meta tibda tapplika d-deċiżjoni nazzjonali?**

L-Artikolu 5(7) tal-RFEUA jipprevedi li l-operatur tal-inġenji tal-ajru għandu d-dritt jappella kontra deċiżjoni mill-awtorità kompetenti li tirrifjuta talba għal eżenzjoni. F'każ ta' appell, f'konformità mal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, il-proċeduri nazzjonali rilevanti se japplikaw u se jiddeterminaw jekk id-deċiżjoni nazzjonali appellata għandhiex tiġi sospiża jew le.

8.6. **Ir-rwol tal-Kummissjoni**

8.6.1. ***Pubblikazzjoni tal-lista ta' eżenzjonijiet***

L-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jinnotifikaw il-lista ta' eżenzjonijiet awtorizzati u miċħuda lill-Kummissjoni. Il-lista se tkun akkumpanjata mill-ġustifikazzjoni u l-valutazzjoni għall-aċċettazzjoni jew ir-rifjut tat-talba għal eżenzjoni (l-Artikolu 5(8) tal-RFEUA). Dan l-eżerċizzju jista' jsir permezz ta' blokok ta' kategoriji (eż. nuqqas ta' prova ta' wieħed mir-rekwiżiti, nuqqas li jintlaħqu l-iskadenzi).

F'konformità mal-Artikolu 5(8), il-Kummissjoni jeħtiġilha tippubblika l-lista ta' eżenzjonijiet awtorizzati u taġġorna dik il-lista mill-inqas darba fis-sena.

8.6.2. ***Dwar ilmenti li jikkonċernaw eżenzjonijiet mogħtija***

F'konformità mal-Artikolu 5(9) u (10) u l-Artikolu 16(2) tal-RFEUA, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jitolbu lill-awtorità jew lill-awtoritajiet kompetenti jadottaw deċiżjoni li tħassar eżenzjoni partikolari mill-bidu tal-perjodu ta' skedar li jmiss.

F'każijiet fejn il-perjodu ta' skedar jibda inqas minn xahrejn wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni mill-awtorità kompetenti li tħassar l-eżenzjoni, id-deċiżjoni li tħassar dik l-eżenzjoni tapplika biss mill-bidu tal-istaġun ta' skedar li jmiss ([46]).

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li taġixxi fuq inizjattiva tagħha stess jew wara l-valutazzjoni ta' lment bil-miktub dwar eżenzjoni mogħtija mressqa minn:

— Stat Membru,

— operatur tal-inġenji tal-ajru,

— il-korp ta' amministrazzjoni tal-ajruport tal-Unjoni kkonċernat,

— fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni

Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-kwistjoni mill-Kummissjoni u biex jiġi deċiż jekk għandux jiġi adottat att ta' implimentazzjoni sabiex jintalab it-tħassir tal-eżenzjoni mogħtija, il-Kummissjoni tista' titlob l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-Istati Membri u mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru. L-Artikolu 5(10) tal-RFEUA jirrikjedi li l-Istati Membri u l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jipprovdu l-informazzjoni mingħajr dewmien żejjed u l-Istati Membri jeħtiġilhom jiffaċilitaw l-għoti ta' informazzjoni mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru.

([46]) L-Artikolu 2(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità (ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1), "*'perjodu ta' skedar' tfisser jew l-istaġun tas-sajf jew tax-xitwa kif użat fl-iskedi ta' trasportaturi bl-ajru*".